# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 28 ta' Novembru 2024**

**Kawza Numru: 5**
**Rikors Guramentat Numru: 856/2016JVC**

**Carmel sive Charles Vella (KI 59946M), Grace Azzopardi (KI 413748M), Silvano Azzopardi (KI 594081M) u Sonia Azzopardi (KI 421268M)**

**vs**

**Mariella Ellul (KI 330250M)**

**Nathalie Camilleri (KI 28460M)**

**Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri (KI 310267M) bhala esekutrici testamentarja tal-mejta Maria Dolores sive Doris Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Carmel sive Charles Vella et li jaqra kif isegwi:

'Illi l-kontendenti salv ghall-esekutrici testamentarja huma wlied u neputijiet tal-mejta Maria Dolores sive Doris Vella li mietet fl-10 ta' Jannar 2016 u li kopja tac-certifikat tal-mewt taghha huwa hawn anness u mmarkat bhala **dokument A**

Illi l-imsemmija Maria Dolores sive Doris Vella kienet mizzewga lil Joseph Vella u li ppremoriha stante li miet fl-24ta' Marzu 1981 skond certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala **dokument B.**

Illi l-konjugi Joseph u Maria Dolores Vella kellhom testment 'unica charta' tal-4 ta' Gunju 1980 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Sciberras li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **dokument C.**

Illi l-wirt tal-imsemmi Joseph Vella gie debitament denunzjat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond denunzja numru 3222/81, 898/82 u 4084/82 li kopji taghhom qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala **dokument D** skond il-*mode of assessment* mahdum mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hawn anness u mmarkat bhala **dokument E u F.**

Illi l-konjugi Vella kellhom hamest itfal ossija l-atturi Carmel, Grace Azzopardi u l-mejta Eileen Azzopardi li succedewha fit-titolu uliedha Silvano Azzopardi u Sonia Azzopardi kif ukoll l-intimati Mariella Ellul u Nathalie Camilleri.

Illi l-wirt tal-mejjet missierhom Joseph Vella ddevolva kwint kull wiehed lil Carmel, Grace Azzopardi, Mariella Ellul u Nathalie Camilleri waqt li l-ahwa Silvano u Sonia ahwa Azzopardi ghandhom 1/10th kull wiehed mill-istess eredita' kif kienet suggetta ghall-uzufrut ommhom Eileen Azzopardi.

Illi l-wirt tal-mejta Maria Dolores Vella ddevolva fuq l-intimati Mariella Ellul u Nathalie Camilleri bit-testment taghha tas-16 ta' Novembru 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **dokument G** u dan skond l-ahhar testment taghha kif jirrizulta mic-certifikati ta' testmenti pubblici hawn annessi u mmarkati bhala **dokument H.**

Illi ma kien hemm ebda raguni ghad-diseredita' tal-atturi u ghalhekk huma, b'din il-kawza, qed jitolbu s-sehem riservat dovut lilhom fuq il-wirt tal-mejta ommhom u nanniethom rispettivament Maria Dolores sive Doris Vella.

Illi l-mejta Maria Dolores Vella bieghet sehemhom mill-hafna proprjeta' u wirt tal-mejjet missierhom u nannuhom minghajr ma infurmathom minkejja li kellha prokura biex taghmel dan u l-anqas ma tathom sehemhom minn dik il-proprjeta' li hija bieghet u ttrasferit ad insaputa taghhom minkejja li kienet tilfet l-uzufrutt fuq sehem missierhom galadarba bidlet in-natura tal-oggett lilha mholli.

Illi hija kienet obbligata biex thallas lura nofs ir-rikavat ta' dak kollu li hija dahlet mill-bejgh li hija ghamlet mis-sehem tan-nofs indiviz tal-proprjeta' tal-mejjet missierhom Joseph Vella u taqsam l-istess rikavat bejn il-hames ulied f'ishma indaqs bejniethom.

Illi mhux minnu illi hija kellha bzonn is-sehem tal-mejjet missierhom ghal bzonnijiet taghha stante li hija kienet tircievi l-pensjoni tas-Sigurta' Nazzjojnali imma dan ghamlitu biex tivvantaggja lill-intimati.

Illi l-mobbli u immobbli  tal-mejjet Joseph Vella jikkonsistu fis-sustanzi ta' dak li jirrizulta mid-denunzja hawn annessa, **dokument D.**

Illi l-kreditu tas-sehem riservat ossia l-leġittima spettanti lilhom skond il-Liġi mill-wirt tal-mejta ommhom u nanniethom Maria Dolores sive Doris Vella oltre' l-imgħaxx legali mill-10 ta' Jannar 2016 ghandu jigi likwidat u dan a tenur ta' l-Artikolu 615(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi a tenur ta' l-Artikolu 616 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-kreditu tal-valur tas-sehem riservat ta' l-attriċi kontra l-beni tal-mejta Maria Dolores Vella oltre' dak li ddisponiet minnu biex taghtih lill-intimati kif ukoll l-imgħaxxijiet kif fuq imsemmija, liema sehem riservat jammonta għal decima parti indiviza kull wiehed lill-atturi tal-assi kollha mibjugha, donati jew li hadhom fil-patrimonju ereditarju tal-mejta Maria Dolores sive Doris Vella.

Illi l-atturi interpellaw lill-intimati  b'ittra uffiċjali tal-5 ta' Settembru 2016 hawn annessa u mmarkata bhala **dokument I** biex jersqu għal likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn Joseph u Maria Dolores sive Doris Vella u  biex jigu moghtija s-sehem mill-wirt tal-mejjet Joseph Vella kif ukoll is-sehem riservat lilhom dovut mill-eredita' tal-mejta ommha Maria Dolores Vella pero' baqa' inadempjenti.

Jgħidu l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi fuq il-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn Joseph u Maria Dolores sive Doris Vella u tal-assi paraferanli taghhom

2. Tiddividi l-assi parafernali u tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi mejta Joseph u Maria Dolores Vella f'zewg porzjonijiet, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi konsistenti dan il-porzjon bis-sehem tal-atturi mibjugh mill-mejta Maria Dolores Vella u mhux mghoddi lilhom mill-mejta ommhom.

3. Tassenja lill-kontendenti Carmel Vella, Grace Azzopardi, Mariella Ellul u Nathalie Camilleri kwint diviz tal-assi tal-mejjet Joseph Vella u decima parti indiviza kull wiehed lil Silvano u Sonia ahwa Azzopardi minn dan il-wirt li ghandu jikkonsisti wkoll mill-proprjeta' mibjugha mill-istess mejta Maria Dolores Vella u mhux mghoddi lilhom u f'kaz li dan il-wirt mhux komodament divizibbli, tordna l-licitazzjoni tal-proprjeta' tal-mejjet Joseph Vella

4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-atturi huma ntitolati għas-sehem riservat dovuta lilhom mill-eredita' tal-mejta ommhom tal-mejta Maria Dolores Vella li ghandha tikkonsisti mhux biss fil-proprjeta' li ghad baqa' imma wkoll fil-valutazzjon tal-proprjetajiet mibjugha u donati stante li r-rikavat ta' l-istess jinsab f'idejn l-intimati Mariella Ellul u Nathalie Camilleri kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza

5. Tillikwida s-sehem riservat dovut lill-atturi bħala kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni ta' Maria Dolores Vella oltre' l-imgħaxxijiet legali mis-10 ta' Jannar 2016.

6. Tikkundanna lill-intimati biex iħallsu is-sehem riservat dovut lill-atturi bħala l-kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni ta' Maria Dolores Vella, oltre' l-imgħaxxijiet legali mill-10 ta' Jannar, 2016 kif ukoll biex jirrifondu lill-atturi sehemhom mill-wirt tal-mejjet missierhom Joseph Vella li gie mibjugh mill-mejta ommhom Maria Dolores Vella u li qatt ma gie mghoddi lilhom.

Bl-ispejjeż, kompriċi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-5 ta' Settembru, 2016 u bl-inġunzjoni ta' l-intimat in subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimati Mariella Ellul et li taqra kif isegwi:

1. 'Illi, preliminarjament, il-preskrizzjoni tal-azzjoni abbazi ta' l-Artiklu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti ghal xi kumpens dwar xi prezzijiet ta' proprjetajiet mibjugha minn Maria Dolores wara li miet zewgha;

2. Illi fit-tieni lok u fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet kollha tar-rikorrenti in kwantu jirrigwardaw pretensjonijiet diretti lejn il-wirt t'ommhom Maria Dolores sive Doris Vella huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet:

3. Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ir-raba', il-hames u s-sitt talbiet tar-rikorrenti huma monki, peress illi mhijiex qed tintalab l-ebda dikjarazzjoni rigward id-dizereditazzjoni o meno taghhom da parti ta' Maria Dolores Vella in forza tat-testment tas-16 ta' Novembru 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba, u konsegwentement, u fin-nuqqas ta' tali talba, dawn it-tlett talbiet kif impostati huma impropronibbli u ma jistghu qatt jirnexxu;

4. Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed jittentaw jikkontestaw it-testment li jirregola l-wirt tal-mejta ommhom Maria Dolores Vella li mietet nhar il-10 ta' Jannar 2016 in kwantu gew dizerediti r-rikorrenti Carmelo sive Charles Vella, Grace Azzopardi u Eileen Azzopardi, li tigi omm Silvano u Sonia ahwa Azzopardi;

5. Illi huwa minnu illi r-rikorrenti Carmel sive Charles Vella, Grace Azzopardi, kif ukoll Eileen Azzopardi li tigi omm ir-rikorrenti l-ohra Silvano u Sonia ahwa Azzopardi, kienu rrendew lilhom infushom hatja ta' offizi gravi u mohrija fil-konfront ta' ommhom Maria Dolores sive Doris Vella u konsegwentement, kien hemm bazi ghat-tenur tal-Artiklu 623 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dawn jigu ddizereditati minnha, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi fit-testment taghha datat 16 ta' Novembru 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba u li jirregola l-wirt taghha, l-istess decuius Maria Dolores sive Doris Vella taghmel riferenza, fost l-ohrajn, ghal diversi ittri mibghuta lilha mir-rikorrenti u li wegghuha u kopja tal-korrispondenza

shiha, inkluzi kopja tal-ittri li ssir riferenza ghalihom fit-testment stess qed jigi hawn annessi u mmarkati Dokumenti "A" sa' "J", kif ukoll ghall fatt illi huma kien u ttentaw kawza kontriha fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Vella et vs Maria Dolores sive Doris Vella (Rik Nru 1075/2010**), u kopja tal-istess sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "K";

7. Illi permezz ta' dik il-kawza, ir-rikorrenti kienu talbu sabiex jigi dikjarat illi ommhom Maria Dolores sive Doris Vella ma kellha ebda dritt tiddisponi mill-gid imholli lilhom minn zewgha u sabiex jigi likwidat s-sehem spettanti lilhom mill-proprjeta li hija kienet ddisponiet ruhha minnu izda, in forza ta' sentenza tal-14 ta' Ottubru 2014 li ghaddiet in gudikat , it-talbiet <u>kollha</u> maghmula minn Carmel sive Charles Vella, Eileen Azzopardi u Grace Azzopardi kontra ommhom gew michuda. Ghalhekk uhud mit-talbiet kontenuti fir-rikors odjern gja kien hemm pronunzjament dwarhom fil-kawza bin-numru 1075/2010 fl-ismijiet fuq indikati u konsegwentement, illum huma *res judicata;*

8. Illi hemm ragunijiet validi u bizzejjed fil-ligi sabiex ir-rikorrenti Charles Vella, Grace Azzopardi, u Eileen Azzopardi, omm ir-rikorrenti l-ohra Sonia u Silvano Azzopardi, jigu dizerediti, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

9. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel paragrafu ta' din ir-risposta, it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu jirrigwardaw pretensjonijiet fir-rigward tal-wirt ta' Joseph Vella , missier u nannet ir-rikorrenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u

ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom ghar-ragunijiet segwenti:

10. Illi l-istess Joseph Vella miet fil-24 ta' Marzu 1981 meta kellu biss disgha u hamsin (59) sena meta filwaqt illi Maria Dolores sive Doris Vella mietet fl-10 ta' Jannar 2016 u cioe hamsa u tletin (35) sena warajh u, tul dan is-snin, l-istess Maria Dolores sive Doris Vella ma kellha ebda introjtu hlief pensjoni zghira. Illi ghalhekk, sabiex tmantni lilha nnifisha tul dawn is-snin kollha u kif kellha kull dritt li taghmel, hija ma kellhiex triq ohra hlief li tiddisponi minn xi assi formanti parti mill-komunjoni taghha ma' zewgha sabiex tmantni lilha nnifisha, u dana a Tenur tat-Tieni Artiklu tat-testment unica charta datat 4 ta' Gunju 1980 fl-atti tan-Nutar Joseph Sciberras li jirregola l-wirt tieghu u in bazi ta' prokura li nghatat mill-istess rikorrenti lid-defunta ommhom, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

11. Illi oltre dan u minghajr pregudizzju ghas-suespost , it-talba tar-rikorrenti in kwantu jirreferi ghall xi sehem rapprezentanti proprjeta minjugha minn ommhom Maria Dolores Vella f'hajjitha llum ghadda in gudikat wara s-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2014 (Dokument "L") u konsegwentement, hija insostenibbli;

12. Illi oltre dan, ghandu jinghad illi, wara l-mewt ta' Joseph Vella u minkejja illi wirtuh uliedu kollha f'ishma ndaqs bejniethom, kienet ommhom Maria Dolores sive Doris Vella illi kienet hallset it-taxxa tas-successjoni kollha li kienet dovuta fuq il-wirt tieghu, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

13. Illi tul hajjithom, ommhom kif ukoll missierhom, ghamlu hafna mar-rikorrenti kif ser jigi ampjament ippruvat u kif del resto, ssemmi l-istess Maria Dolores Vella fit-testment li jirregola l-wirt taghha (ezibit mir-rikorrenti bhala Dokument "G");

14. Illi kuntrarjament ghal dak li jinghad fir-rikors guramentat promotur, assolutament mhuwiex minnu illi Maria Dolores Vella bieghet xi proprjeta sabiex tivvantaggja lill-intimati u, fost l-ohrajn, kienet ghamel dikjarazzjoni guramentata fit-3 ta' Gunju 2009, fejn iddikjarat illi qatt ma tat xi parti mill-pensjoni tagahha jew xi flus lil bintha Mariella Ellul, u vera kopja tal-istess qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "M";

15. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat l-affidavits, xhieda, certifikati tal-mewt, testmenti, denunzja, dikjarazzjoni *causa mortis*, ricerki testamentarji, ittri, ittri ufficjali, sentenza, dikjarazzjoni guramentata, *statements* bankarji, ritratti, ricerki pubblici, cedoli ta' depositu, rizultati medici minn sptarijiet privati, ricevuti ta' interventi medici u dokumenti ohra medici, kuntratti, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Novembru, 2017 Dr. Edward Debono ghar-rikorrenti talab li jigu allegati l-atti tal-kawza li r-rikorrenti ghamlu kontra Maria Dolores Vella bir-rikors guramentat numru 1075/10/MCH deciza fl-14 ta' Ottubru, 2014 liema decizjoni ghaddiet in gudikat, rat li t-talba ma gietx opposta u rat li l-Qorti laqghet it-talba;

Rat l-atti tal-kawza bir-rikors guramentat numru 1075/10/MCH fl-ismijiet Carmel sive Charles Vella et -vs- Maria Dolores sive Doris Vella deciza fl-14 ta' Ottubru, 2014 allegat mal-kawza odjerna;

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Frar, 2018 (fol. 869) Dr. Francesca Zarb ghall-intimati ddikjarat li l-intimati jaqblu ma' dak kontenut fl-elenku tal-immobbli prezentat mir-rikorrenti, hlief ghal fejn ha jipprezentaw nota kuntrarja u cioe' dawk il-proprjetajiet elenkati f'nota li qed tigi esebita seduta stante u qed tigi mahlufa mill-ezekutur testamentarju Dr. Tanya Sciberras Camilleri, rat li Dr. Tanya Sciberras Camilleri kkonfermat il-kontenut tan-nota li telenka dawn il-proprjetajiet li jirrizultawlha mid-denunzja tas-successjoni ta' Carmelo Calleja u rat li Dr Edward Debono rrileva li dawn il-proprjetajiet gew mixtrija mill-konjugi Vella minghand iz-ziju matern Calleja u se jipproduci l-kopja tal-kuntratt;

Rat illi fil-verbal tat-13 ta' Marzu, 2018 (fol. 873) fuq talba tar-rikorrenti l-Qorti hatret lil Perit Tekniku Godwin Abela biex jaghmel stima tal-proprjetajiet elenkati fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Maria Dolores Vella esebita in atti, kif ukoll tal-fond bin-numru 79 fi Triq San Giljan, Birkirkara a spejjez provvizorjament tal-intimati, peress li l-kawza odjerna hija talba ghas-sehem riservat u l-ispejjez jigi ssopportati mill-eredita';

Rat ir-rikors ta' l-intimati Mariella Ellul u Nathalie Camilleri prezentat nhar is-26 ta' April, 2018 fejn permezz tieghu talbu ai termini tal-Artikolu 743(1)(d)(i) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din l-Qorti kif diversament preseduta tirrikuza ruhha u dan ghar-ragunijiet hemm elenkati, rat ir-risposta tar-rikorrenti Carmel sive Charles Vella et intavolata fl-10 ta' Mejju, 2018, rat illi l-partijiet fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2018 trattaw ir-rikors u rat id-digriet tal-

Qorti kif diversament preseduta datat 14 ta' Gunju, 2018 fejn cahdet it-talba u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Rat ir-rikors tal-intimata Dottor Tanya Sciberras Camilleri ntavolat nhar it-28 ta' Settembru, 2018 (fol. 891) fejn permezz tieghu talbet li l-Qorti (i) tirrevoka l-valutazzjoni tal-fond 79 fi Triq Saint Julian, Birkirkara u sa fejn jirrigwarda wkoll l-ispejjes tal-istess hatra peritali; (ii) tiddikjara li l-fond 79 fi Triq San Giljan, Birkirkara kien gie ttrasferit b'titolu *inter vivos* minn Maria Dolores Vella matul hajjitha u ghalhekk ma' jifformax parti mill-eredita' tal-istess Maria Dolores Vella, (iii) Tordna li l-valutazzjoni tal-proprjetajiet li jifformaw parti mill-eredita' ta' Maria Dolores Vella, u cioe' dawk imsemmija fil-*causa mortis* tal-istess Maria Dolores Vella ghandha ssir a bazi tad-data tal-ftuh tas-successjoni tal-istess Maria Dolores Vella u cioe' l-10 ta' Jannar, 2016 u (iv) Tordna li kwalunque spejjez relatati mal-hatra tal-Perit Godwin Abela ghandhom ikunu a spejjez provizorjament tar-rikorrenti, rat li fil-verbal tat-22 ta' Novembru, 2018 Dr Francesca Zarb ghall-intimata Nathalie Camilleri u ghal Dr Tanya Sciberras Camilleri bhala esekutrici testamentarja ddikjarat li taderixxi ruhha mat-talba, u rat li Dr Edward Debono jaghmel referenza ghal fini tar-risposta tieghu ghas-sentenza fl-ismijiet Raffaela Vella -vs- Saviour Vella et cit. Nru. 440/2010/JZM deciza fid-29 ta' Frar, 2016, rat ir-risposta tar-rikorrenti ntavolata nhar it-12 ta' Ottubru, 2018 u d-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 11 ta' Dicembru, 2018 fejn iddisponiet mit-talbiet hemm kontenuti billi fir-rigward l-ewwel talba (i) varjat id-digriet taghha tat-13 ta' Marzu, 2018 fis-sens li ghal dak li jirrigwarda l-istima tal-fondi appartenenti lill-assi ereditarjo tal-komunjoni u parafernali rispettivi ta' Joseph u Doris Vella, dawn jigu stmati b'referenza ghad-data tal-mewt rispettivi taghhom. Ghal dak li jirrigwarda l-fond 79 fi Triq San Giljan, Birkirkara l-istima ssir biss fid-data tal-bejgh tal-istess billi f'din id-

data qed jigi allegat li l-prezz dikjarat kien inferjuri ghall-prezz reali u t-talba tikkoncerna flejjes attwali ricevuti mid-decujus izda mhux dikjarati. Fejn intalab li jigu stmati beni appartenenti lill-werrieta ta' Joseph Vella li gew mibjugha minn Doris Vella f'hajjitha, ghandhom isiru zewg valutazzjonijiet wiehed fil-mument tal-mewt taghha u iehor attwali. Dan stante li jekk inbieghu abbuzivament, ghandhom jitqiesu li jibqghu jifformaw parti mill-patrimonju ereditarju tal-imsemmi Joseph Vella, (ii) irriservat li tipprovdi dwar it-tieni talba fis-sentenza finali, (iii) laqghet it-talba salv dak li nghad rigward il-fondi mibjugha, u (iv) iddisponiet mir-raba' talba fis-sens li ghar-rigward tal-ispejjez peritali dawn jigu sopportati provisorjament mill-partijiet u cioe' mill-atturi kwantu ghall-3/5 bejniethom u mill-intimati Ellul u Camilleri kwantu ghall-2/5 bejniethom b'eccezzjoni ta' (a) l-ispejjez peritali tal-beni mibjugha inkluz il-fond 79 fi Triq Birkirkara, San Giljan liema spejjez jigu sopportati provvizorjament mill-atturi solidalment bejniethom stante li si tratta ta' allegazzjonijiet li ghad iridu jigu pruvati; (b) l-ispejjez konnessi mal-valutazzjoni tal-beni ezistenti fil-mument tal-mewt ta' Doris Vella, ghall-fini tal-komputazzjoni tas-sehem rizervat li ghandhom jigu sopportati mill-eredi, cioe' mill-intimati Mariella Ellul u Nathalie Camilleri;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Carmel sive Charles Vella et intavolat nhar l-24 ta' April, 2019 (fol. 915) fejn permezz tieghu talbu sabiex il-Qorti joghgobha tordna lill-Perit Tekniku Godwin P. Abela jistma l-proprjetajiet 112 f'Point Street, Senglea u l-garage bid-drive in numru 6 fi Triq Bwieraq, Birkirkara bil-valur tas-suq ta' llum minkejja li dawn gew mibjugha lill-intimati u dan b'mod abbuziv u llegali, rat ir-risposta tal-intimata Nathalie Camilleri ntavolata nhar it-23 ta' Mejju, 2019, rat ir-risposta tal-Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri bhala ezekutrici testamentarja tal-eredita' ta' Maria Dolores Vella ntavolata nhar l-24 ta' Mejju, 2019, rat ir-

risposta tal-intimata Mariella Ellul intavolata nhar it-28 ta' Mejju, 2019 u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 5 ta' Gunju, 2019 (fol. 930) fejn permezz tieghu ghaddiet sabiex laqghet it-talba kif dedotta u ordnat lill-Perit Godwin P. Abela sabiex jaghmel stima tal-proprjetajiet (i) 112, Pointe Street, Senglea u (ii) l-garage bid-drive in numru 6, Bwieraq Street, Birkirkara u dan bil-valur tas-suq tallum; kif ukoll li jaghmel stima tas-segwenti proprjetajiet u cioe' (i) Blokk 17 fi Triq Freres, Sliema, (ii) Garaxx bl-isem Vella Service Station fi Triq Regjonali, Imsida u (iii) 78 fi Triq San Giljan, Birkirkara u dan bil-valur tallum;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela ntavolat fl-atti nhar is-7 ta' Mejju, 2019 a fol. 934 et seq tal-process, rat ukoll ir-rapport addizzjonali tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela prezentat fl-atti nhar is-16 ta' Lulju, 2020 u mahluf nhar it-18 ta' Dicembru, 2020 a fol. 1024 et seq tal-process u rat ukoll ir-rapport addizzjonali ulterjuri prezentat fl-atti nhar il-5 ta' Novembru, 2021 u mahluf nhar il-25 ta' Novembru, 2022 a fol. 1715 et seq tal-process;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Carmel sive Charles Vella et intavolat nhar it-3 ta' Jannar, 2020 fejn permezz tieghu talbu sabiex il-Qorti joghgobha tordna lill-Perit Tekniku Godwin P. Abela jistma l-proprjeta' 'Mariella' fi Braret Street, Birkirkara, rat ir-risposta tal-intimati Nathalie Camilleri u tal-Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri ntavolata nhar is-17 ta' Jannar, 2020 u rat id-digriet tal-Qorti datat 23 ta' Jannar, 2020 fejn permezz tieghu l-Qorti filwaqt li kkonfermat in-nomina zzid mal-lista tal-proprjetajiet li ghandhom jigu stmati il-fond 'Mariella' fi Braret Street, Birkirkara filwaqt li f'dak l-istadju ordnat li l-valutazzjonijiet kollha kellhom isiru skond il-valur prezenti fis-suq;

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri ntavolata nhar id-29 ta' Mejju, 2020 (fol. 985) fejn permezz taghha nfurmat lil Qorti li mhijiex qed tinsisti fuq dak ordnat minn din l-Qorti in forza tad-digriet taghha tal-5 ta' Gunju, 2019 in kwantu ordnat li tigi stmata s-segwenti proprjeta' Block 17 fi Triq Freres, Sliema;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Carmel sive Charles Vella et intavolat nhar l-1 ta' Lulju, 2020 fejn permezz tieghu talbu sabiex il-Qorti tordna lill-Perit Tekniku Godwin Abela jistma l-proprjeta' Victor's Pigeon Lofts f'Misrah it-Tigieg, Birkirkara bil-valur tas-suq ta' llum minkejja dan gie mibjugh lill-terzi u dan b'mod abbuziv u llegali, rat ir-risposta ta' Dottor Tanya Sciberras Camilleri ntavolata fil-11 ta' Awwissu, 2020, rat ir-risposta ta' Mariella Ellul intavolata nhar id-19 ta' Awwissu, 2020 u rat id-digriet tal-15 ta' Ottubru, 2020 fejn stante li l-attur ma tax raguni valida ghalfejn din it-talba sabiex tigi valutata l-proprjeta' in kwistjoni ma saritx fi stadju ta' provi tal-atturi, stante li l-provi atturi ilhom zmien maghluqa u wkoll ghar-ragunijiet moghtija mill-intimati fir-risposti taghhom il-Qorti ma qisitx li t-talba rikorrenti hija gjustifikata u ghaddiet sabiex cahdet l-istess;

Rat ir-rikors tal-intimati Mariella Ellul u Nathalie Camilleri ntavolat nhar it-13 ta' Mejju, 2021 (a fol. 1412) fejn permezz tieghu talbu sabiex il-Qorti joghgobha (a) testendi l-inkarigu tal-Perit Tekniku Abela billi tordna li jwettaq il-valutazzjonijiet indikati fl-istess rikors u fid-dati ndikati fl-istess rikors u (b) tikkonferma l-inkarigu tal-imsemmi Perit Tekniku Abela anke fir-rigward tal-fond Block 17, Triq Freres, Sliema, b'dan li tippreciza li l-valutazzjoni ghandha ssir b'riferenza ghad-dati hemm indikati fl-istess rikors u tawtorizza lill-Perit Tekniku sabiex f'kaz li mhux possibbli jaccedi ghal dik il-proprjeta' jaghmel l-istejjem ordnati *arbitrio boni viri*, u rat id-digriet tal-Qorti datat 18 ta' Mejju, 2021 (fol. 1420) fejn

provdiet dwar it-talbiet fir-rikors imsemmi billi laqghet l-ewwel talba u estendiet l-inkarigu moghti lill-Perit Abela billi ordnat li jsiru l-valutazzjonijiet kif mitluba u fid-dati ndikati u laqghet ukoll it-tieni talba u kkonfermat l-inkarigu ta' l-imsemmi perit tekniku anke fir-rigward tal-fond Block 17, Triq Freres, Sliema b'dan li pprecizat li l-valutazzjoni ghandha ssir b'referenza ghas-27 ta' Marzu 1991 u ghall-10 ta' Jannar 2016 u awtorizzat lill-Perit Tekniku sabiex f'kaz li mhux possibbli jaccedi ghal dik il-proprjeta' jaghmel l-istejjem ordnati *arbitrio boni viri*;

Rat illi fil-verbal datat 19 ta' Ottubru, 2023 il-kawza giet differita ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti Carmel sive Charles Vella, Grace Azzopardi u l-intimati Mariella Ellul u Nathalie Camilleri huma lkoll ahwa wlied il-mejtin Joseph u Maria Dolores sive Doris konjugi Vella, filwaqt li r-rikorrenti Silvano u Sonia ahwa Azzopardi huma ahwa wlied il-mejta Eileen Azzopardi li din tal-ahhar kienet bint il-konjugi Vella. Ghalhekk ir-rikorrenti Silvano u Sonia ahwa Azzopardi huma n-neputijiet tal-imsemmija mejtin Joseph u Maria Dolores sive Doris konjugi Vella.

Illi Joseph Vella gie nieqes fl-24 ta' Awwissu, 1981 (ara certifikat tal-mewt a fol. 7 tal-process), filwaqt li martu Maria Dolores sive Doris

Vella giet nieqsa fl-10 ta' Jannar, 2016 (ara certifikat tal-mewt a fol. 6 tal-process).

Illi l-wirt u successjoni ta' Joseph Vella huwa regolat bit-testment *unica charta* datat 4 ta' Gunju, 1980 fl-atti tan-Nutar Joseph Sciberras (ara testment a fol. 8 et seq tal-process). Permezz tal-imsemmi testment Joseph Vella kien halla l-uzu u l-uzufrutt favur martu Maria Dolores sive Doris Vella u nnomina bhala werrieta universali tieghu lill-hames (5) uliedu Carmel Vella, Grace Azzopardi, l-mejta Eileen Azzopardi li llum issuccedewha wliedha Silvano u Sonia ahwa Azzopardi, Mariella Ellul u Nathalie Camilleri. Da parti taghha l-mejta Maria Dolores sive Doris Vella rregolat il-wirt u successjoni taghha permezz ta' testment datat 16 ta' Novembru, 2011 fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba (ara testment a fol. 82 et seq tal-process). Permezz ta' dan it-testment apparti li halliet xi prelegati/legati, iddizereditat lit-tlett (3) uliedha Charles Vella, Eileen Azzopardi u Grace Azzopardi u ma hallitilhom xejn lanqas il-legittima u nnominat bhala werrieta universali taghha liz-zewg uliedha l-intimati Mariella Ellul u Nathalie Camilleri fi kwoti ndaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom f'kaz ta' premorjenza ghat-testatrici u fin-nuqqas ta' wlied jew dixxendenti bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.

Illi minn harsa lejn it-talbiet jirrizulta li permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdin jitolbu s-segwenti:

i. Id-divizjoni ta' l-assi tal-mejta konjugi Vella u l-konsegwenti assenjazzjoni ta' kwinta parti (1/5) mill-assi tal-mejjet Joseph Vella lir-rikorrenti Carmel Vella u Grace Azzopardi u decima parti (1/10) indiviza kull wiehed mir-rikorrenti Silvano u Sonia ahwa Azzopardi liema assi ghandhom jinkludu

sehmhom mill-immobbli li gew mibjugha mill-mejta ommhom/nannithom Maria Dolores sive Doris Vella;

ii. Is-sehem riservat dovut lir-rikorrenti Carmel Vella, Grace Azzopardi, Silvano u Sonia ahwa Azzopardi mill-eredita' tal-mejta ommhom/nannithom Maria Dolores sive Doris Vella oltre l-imghaxijiet legali mid-data tal-10 ta' Jannar, 2016.

F'dan l-istadju l-Qorti ser tibda billi titratta l-ewwel punt u cioe' d-divizjoni ta' l-assi tal-mejta konjugi Vella u l-konsegwenti assenjazzjoni tal-assi tal-mejjet Joseph Vella jekk ikun il-kaz. Il-Qorti ser titratta wkoll il-kwistjoni relatata mal-immobbli li gew mibjugha mill-mejta ommhom/nannithom Maria Dolores sive Doris Vella u l-eccezzjonijiet relatati mal-kwistjoni.

<u>**Assi tal-mejtin konjugi Vella:**</u>

<u>Mobbli:</u>

<u>Deheb, fidda u hagar prezzjuz:</u>

Illi tul il-process qatt ma ssemma d-deheb ghajr fil-kontro-ezami ta' Mariella Ellul li sar fis-seduta tat-12 ta' Mejju, 2023 a fol. 1675 et seq tal-process u fil-kontro-ezami ta' Nathalie Camilleri li sar fis-seduta tat-22 ta' Gunju, 2023 a fol. 1695 et seq tal-process. Minn tali kontro-ezamijiet jirrizulta li l-mejta Joseph u Maria Dolores sive Doris konjugi Vella kellhom id-dehebijiet u dan anke kif ikkonfermat minn Mariella Ellul fejn xehdet illi:

'Dr D Buttigieg: Il-mummy dehebijiet kellha?

Xhud: Iva kellha.

Dr D Buttigieg: X'kellha dehebijiet jekk tiftakar?

Xhud: Kellha hafna dehebijiet imma toqghodx tghidli ghax jien qatt m'ghedtilha, "Urini." Pero' d-daddy kien jixtrilha hafna deheb. Pero' kienet tati hafna lil Irene biex tikkumpensalha ta' dan is-swat li kienet taqla'.

Dr D Buttigieg: Fil-gurnata tal-mewt tal-mummy, kien ghad fadlilha deheb naqblu?

Xhud: Jien qatt ma rajtu u qatt ma tajt kas. Qatt m'ghedtilha, "Urini d-deheb." Jien armla, fejn ridtni nmur bid-deheb? Jien kelli d-deheb tieghi ukoll ma' taghha.

Dr D Buttigieg: Meta mietet il-mummy x'sar minnu d-deheb?

Xhud: Ma nafx. Ghand Natalie kien mhux ghandi.

Dr D Buttigieg: Int deheb qatt ma qsamt ma' Natalie?

Xhud: Le.

Dr D Buttigieg: U d-deheb tieghek kien ma' tan-nanna wkoll?

Xhud: Tieghi kien il-bank u l-mummy kienet qaltli, "Gibu mill-bank. Ejja naghmluh fis-safe ta' Natalie." Gibtu u ghamilnih fis-safe ta' Natalie imma sa hemm nasal ghax ma nafx.

Dr D Buttigieg: u dan id-deheb ergajtx rajtu.

Xhud: Le. Pero' jien nghid wahda, jien ma nafx x'gara pero' Natalie qatt ma nafha halliela. ...'.

Illi mbaghad mill-kontro-ezami ta' Natalie Camilleri jirrizulta li l-kaxxa tad-deheb kienet tatha lil ommha u ma tafx x'sar minnha. Tixhed:

'...Pero mindu talbithieli l-ahhar jien qatt ma tlabthielha, qatt m'ghedtilha, "Ma, gibha dik il-kaxxa." Ghax imbaghad bil-Malti ma tantx baqghet tohrog allura ma kienx hemm dak il-perikolu li se tohrogha maghha. U jien qatt m'ghedtilha, "Ma tihieli l-kaxxa ha nerfghahielek." Qatt, qatt u qatt u sadanitant kien hemm il-kaxxa ta' missier Ronnie. Wara li mietet Mariel qaltli, "Il-kaxxa tad-deheb." Ghedtilha, "Ma nafx. Il-kaxxa tad-deheb mhux qieghda ghandi." Ma nafx x'gara. U nghidilkom, nahlef, hemm il-Bambin li jien ma nafx x'ghamlet biha. It could be many things. It could be li haditha l-isptar maghha.'.

Illi r-rikorrenti fl-atti ma ressqu l-ebda prova rigward id-deheb, fidda jew hagar prezzjuz. L-uniku accenn li ssir minnhom hija fin-nota ta' sottomissjonijiet fejn fis-sezzjoni tal-assi relatata mas-sehem riservat jindikaw l-ammont li gie ffissat *arbitrio boni viri* bhala dak ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000). Il-Qorti tqis li fl-atti hemm qbil b'mod generali li l-mejta Maria Dolores sive Doris Vella kienet thobb hafna taghti d-deheb specjalment lir-rikorrenti Eileen Azzopardi u dan biex b'xi mod tghinha billi kienet ghaddejja minn problemi fir-relazzjoni taghha. Maria Dolores sive Doris Vella nfisha fl-affidavit taghha li gie pprezentat fl-atti tal-kawza bir-rikors guramentat numru 1075/10MCH fl-ismijiet Carmel sive Charles Vella et -vs- Maria Dolores Vella a fol. 1461 et seq tal-process tghid illi tat gizirana lil Paul Azzopardi bhala

ringrazzjament. Il-Qorti tqis li la darba Maria Dolores sive Doris Vella kienet tghix fl-istess dar ma' Nathalie Camilleri u din ta' l-ahhar halliet id-deheb fil-pussess ta' ommha huwa inverosimili li ma tafx x'sar minn dan id-deheb. Huwa wkoll inverosimili li Maria Dolores sive Doris Vella hadet id-deheb maghha l-isptar u hadd mill-intimati ma jaf dwar dan jew x'sar minnu. L-intimata Nathalie Camilleri fil-kontro-ezami taghha tindika xi ftit jew wisq x'seta kien hemm bhala deheb pero' fil-fehma tal-Qorti mill-indikazzjoni hemm maghmula ma jidhirx li dawk l-oggetti ghandhom iwasslu ghas-somma ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) (kif indikat mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom). Pero' il-Qorti tqis li l-valur li ghandu jittiehed li sejjer jigi ffissat *arbitrio boni viri* huwa dak ta' ghaxar 'telef Ewro (€10,000) liema ammont ghandu jirrapprezenta d-deheb, fidda u hagar prezzjuz fl-assi tal-mejtin Joseph u Maria Dolores sive Doris konjugi Vella.

Illi l-Qorti qieghda tikkunsidra d-deheb bhala formanti parti mill-assi taz-zewg genituri billi kif ikkonfermat mill-intimata Mariella Ellul a fol. 1675 et seq tal-process id-deheb kien jixtrih missierhom Joseph Vella lil ommhom/nannithom Maria Dolores sive Doris Vella ghalhekk dan ghandu jifforma parti mill-komunjoni tal-akwisti.

Karozzi:

Fl-atti l-uniku referenza li hemm ghall-vetturi huwa fid-denunzja ta' Joseph Vella a fol. 12 et seq tal-process fejn hemm indikazzjoni li l-konjugi Vella kellhom Renault u Austin. M'hemm l-ebda accenn iehor u lanqas prova dwar x'sar mill-karozzi. Ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjoniijet taghhom ma jaghmlu l-ebda referenza ghal vetturi. Ghalhekk in vista ta' dan il-Qorti m'hijiex ser tikkunsidra l-ebda valur relatat ma' vetturi.

Flus kontanti u flus fil-banek:

Illi r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ma jaghmlu l-ebda accenn ghall-flus kontanti u flus fil-banek fir-rigward is-sehem gej min-naha ta' missierhom/nannuhom. L-unika prova li tressqet kienet id-denunzja ta' Joseph Vella a fol. 331 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li flus id-dar kien hemm l-ammont ta' Lm 120 u kien hemm ukoll xi stocks fuq isem il-konjugi Vella fl-ammont totali ta' Lm 5,804. Il-Qorti tirrileva li l-partijiet kollha fil-mori tal-kawza xehdu li huma ma hallsu xejn fir-rigward id-denunzja ta' missierhom u ghalhekk probabilment il-mejta ommhom Maria Dolores sive Doris Vella ghamlet uzu mill-imsemmija flus sabiex hallset l-ispejjez relatati mad-denunzji. Maria Dolores sive Doris Vella nfisha tikkonferma li hija hallset l-ispejjez kollha relatati mad-denunzja, funeral, etc (ara affidavits taghha a fol. 1461 et seq tal-process) u anke l-partijiet kollha kkonfermaw li huma ma hallsu xejn wara l-mewt ta' missierhom. Il-Qorti tinnota wkoll li da parti tar-rikorrenti ma jidhirx li hemm insistenza fuq il-flus ta' missierhom billi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom lanqas jelenkawhom bhala formanti parti mill-assi in divizjoni. Ghalhekk il-Qorti m'hijiex ser tikkunsidra li hemm flus kontanti u flus fil-banek x'jigu divizi min-naha ta' missierhom/nannuhom Joseph Vella.

Illi fir-rigward flus kontanti u flus fil-banek gejjin min-naha ta' ommhom jirrizulta li r-rikorrenti Carmel sive Charles Vella et tellghu diversi rapprezentanti ta' banek u dan sabiex jindikaw x'kien hemm fuq isem Maria Dolores sive Doris Vella. L-uniku flus li nstabu kienu fil-bank HSBC plc (ara xhieda u statements a fol. 185 et seq, 171 et seq, 321 et seq u 197 et seq tal-process) minn fejn

jirrizulta li l-mejta Maria Dolores sive Doris Vella fid-data tal-mewt taghha kellha s-segwenti:

1. Savings account bin-numru 016037590050 li nfetah fil-11 ta' Dicembru, 1996 u fit-28 ta' Dicembru, 2015 kien fih l-ammont ta' €341.66.

Illi r-rapprezentanta tal-bank HSBC Bank Malta plc xehdet ghat-tieni darba, ghalkemm il-Qorti tinnota li dawn il-kontijiet indikati fit-tieni xhieda ghajr ghal wiehed inghalqu kollha ferm qabel ma giet nieqsa Maria Dolores sive Doris Vella. Dwar dan il-kont indikat bhala *term deposit* bin-numru 016037590100, li nfetah fil-11 ta' Dicembru, 2007, ix-xhud indikat li nghalaq fil-11 ta' Dicembru, 2018 ghalkemm meta giet tixhed fis-seduta ta' qabel dan il-kont ma giex indikat bhala wiehed li kien ghadu miftuh fid-data tal-mewt taghha. Ghalhekk il-Qorti temmen li dak kien zball da parti tax-xhud li ndikat id-data hazin u effettivament fid-data tal-mewt taghha l-kont kien maghluq.

Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tikkunsidra li fid-data tal-mewt ta' Maria Dolores sive Doris Vella kien hemm kont wiehed biss miftuh indikat bil-punt numru 1.

<u>Immobbli:</u>

1. Villa Maria Dolores fi Triq Brared, Birkirkara li giet stmata mill-Perit Tekniku Godwin P. Abela fir-rapport tieghu redatt nhar is-7 ta' Mejju, 2019 a fol. 934 et seq tal-process fis-somma ta' sitt mija u sittin elf Ewro (€660,000) (fid-data tal-mewt tad-decujus).

   Jigi rilevat li dan il-fond thalla mill-missier Joseph Vella b'titolu ta' legat favur l-intimati Mariella Ellul u Nathalie Camilleri bit-

testment *unica charta* tal-4 ta' Gunju, 1980 fl-atti tan-Nutar Joseph Sciberras (fol. 8) u mill-omm Maria Dolores sive Doris Vella b'titolu ta' prelegat fit-testment taghha tas-16 ta' Novembru, 2011 fl-atti tan-Nutar Jeannette Laferla Saliba (fol. 82). Ghalhekk ir-rikorrenti m'ghandhomx x'jiehdu minn dan il-fond in kwantu sehemhom mill-parti ta' missierhom. Dwar is-sehem ta' ommhom/nannithom, jekk jirrizulta li hemm xi sehem riservat dan jittiehed in konsiderazzjoni fir-rigward in-nofs indiviz (1/2) taghha.

2. Fond bin-numru 1 fi Triq Xmun, San Pawl il-Bahar li gie stmat mill-Perit Tekniku Godwin P. Abela fir-rapport tieghu redatt nhar is-7 ta' Mejju, 2019 a fol. 934 et seq tal-process fis-somma ta' hames mija u erbghin elf Ewro (€540,000) (fid-data tal-mewt tad-decujus).

   L-intimati Nathalie Camilleri u l-Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri fl-atti rrilevaw illi dan il-fond inbiegh waqt il-mori tal-kawza u pprezentaw kopja tal-kuntratt datat 8 ta' Gunju, 2021 fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna (a fol. 1796 et seq tal-process) fejn inbiegh fis-somma ta' €520,000 u ma gietx kontestata s-sottomissjonijiet tal-intimati li kull parti fil-kawza hadet sehma minn dan il-bejgh. Jsegwi ghalhekk li la nbiegh dan m'ghadux jifforma parti mill-massa ereditarja u m'hemmx x'jigi diviz minnu jew mir-rikavat tieghu fir-rigward is-sehem tal-missier Joseph Vella. Ghalkemm fl-eventwalita' li jigi stabbilit li hemm xi sehem riservat dovut lir-rikorrenti dan il-fond ghandu jittiehed in konsiderazzjoni.

<u>Immobbli mibjugha wara l-mewt tad-decujus Joseph Vella:</u>

Illi fit-talbiet taghhom ir-rikorrenti Carmel sive Charles Vella et jitolbu li fost l-assi ghandhom jigu nkluzi wkoll is-sehem taghhom mibjugha mill-mejta ommhom/nannithom Maria Dolores Vella u li ma giex mghoddi lilhom mill-mejta ommhom/nannithom.

Illi r-rikorrenti fil-kawza bir-rikors guramentat numru 1075/10MCH fl-ismijiet Carmel sive Charles Vella et -vs- Maria Dolores Vella flimkien mar-rikors guramentat taghhom esebew prospett tal-proprjetajiet li skonthom ommhom/nannithom bieghet u li nofshom kienu proprjeta' ta' missierhom u li ghalhekk ma tathomx sehemhom mir-rikavat tal-bejgh. F'dan il-prospett il-proprjeta' giet indikata f'sezzjonijiet bhala s-segwenti:

1. Proprjeta' li bieghet il-konvenuta (b'referenza ghal ommhom Maria Dolores Vella);

2. Proprjeta' li l-konvenuta bieghet is-sub-dirett dominju taghhom fi Triq Francesco Saverio Caruana qabel maghrufa bhala Anglu Mallia Junction, Birkirkara;

3. Proprjeta' li l-konvenuta bieghet is-sub-dirett dominju li qieghed fi Triq il-Fuhhara qabel kienet maghrufa bhala Triq Papa Urbanus Tmienja, Birkirkara;

4. Proprjeta' li l-konvenuta bieghet is-sub-dirett dominju li qieghed fi Triq Bwieraq, Birkirkara;

5. Proprjeta' ohra li l-konvenuta bieghet is-sub-dirett dominju u s-subcens taghhom;

6. Proprjeta' li l-konvenuta bieghet is-sub-dirett dominju u s-sub-cens relattiv taghhom;

7. Proprjeta' li l-konvenuta hadet il-fidi tac-cens taghhom.

F'dawn il-listi ndikati bil-punti numru 1 sa numru 7 hemm b'kollox sitta u disghin (96) proprjeta'.

Illi fid-decizjoni msemmija l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (fol. 139) iddecidiet illi l-konvenuta (f'dik il-kawza Maria Dolores sive Doris Vella) agixxiet fil-limiti tal-mandat moghti mill-atturi u ma oltrepassatx dak il-mandat li kien wiehed generali u bla limitu u ghaddiet sabiex ikkunsidrat it-talbiet kif formulati mill-atturi bhala li ma jsibux fundament fattwali u ma jistghux jintlaqghu kif maghmula. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'dik id-decizjoni halliet ukoll impregudikati d-drittijiet tar-rikorrenti fuq ir-rikavat li jista' jkun dovut darba li tmut il-konvenuta (Maria Dolores sive Doris Vella) li dak iz-zmien kienet ghadha tgawdi b'uzufrutt l-assi kollha mhollija minn zewgha Joseph Vella.

Illi in oltre l-Qorti taghmel referenza ghan-nota ntavolata mir-rikorrenti nhar is-17 ta' Ottubru, 2017 a fol. 190 et seq tal-process fejn anness maghha gew esebiti tlett (3) listi li jikkonsistu fis-segwenti:

1. Proprjeta' mobiljari u mmobiljarji li ghadha mhux diviza bejn il-kontendenti;

2. Bejgh ta' proprjeta' mmobbli ta' Joseph Vella u Maria Dolores sive Doris Vella nee' Scicluna wara l-mewt ta' Joseph Vella;

3. Fidi ta' cnus a favur ta' Maria Dolores sive Doris Vella nee' Scicluna wara l-mewt ta' Joseph Vella.

Illi meta l-Qorti kkalkulat il-proprjetajiet indikati fil-punti bin-numru 2 u 3 jirrizulta li hemm wiehed u tletin (31) proprjeta'. Dan ifisser li hemm diskrepanza sostanzjali bejn il-proprjetajiet li gew indikati fil-prospett fil-kawza bir-rikors guramentat numru 1075/10MCH fl-ismijiet Carmel sive Charles Vella et -vs- Maria Dolores Vella u fin-nota annessa mar-rikors guramentat odjern.

Illi l-Qorti tinnota wkoll illi fin-nota pprezentata fil-kawza odjerna (fol. 190) il-valur tal-proprjeta' mmobbli li jirrapprezenta sehem missierhom/nannuhom Joseph Vella gie ndikat bhala dak ta' hamsa u hamsin elf disgha mija u tmintax il-Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€55,918.24). Tirrileva wkoll li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom r-rikorrenti ndikaw ammont anqas billi fis-sezzjoni ntitolata '1/2 is-sehem tad-drittijiet reali li kienu gew trasferiti inter vivos minn Maria Dolores Vella' l-ammont hemm indikat huwa dak ta' wiehed u hamsin elf tmien mija u tmienja u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu (€51,828.50). Il-Qorti tinnota wkoll li ghalkemm jidher li hemm bosta proprjeta', hafna mill-proprjeta' kienet suggetta ghal diversi pizijiet tant li bosta minnha kienet tikkonsisti fil-proprjeta' ta' dirett dominju fuq proprjeta' suggetta ghal cens jew proprjeta' li taghha d-decujuz kellhom biss id-dritt li jircievu hlas ta' cens u da parti taghhom kien ukoll dovut xi cens lid-direttarju.

Il-Qorti wara li rat id-dokumenti ndikati, tqis li fl-eventwalita' li jigi deciz li r-rikorrenti huma ntitolati ghas-sehem taghhom mir-rikavat tal-bejgh, l-valur li ghandu jittiehed huwa dak indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet cioe' dak l-ammont ta' wiehed u hamsin elf tmien mija u tmienja u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu (€51,828.50).

Illi meta wiehed jigi ghal prova tal-valur tal-proprjetajiet u l-kwantita' taghhom l-Qorti ezaminat il-lista ta' proprjetajiet li tinsab annessa man-nota a fol. 190 et seq tal-process odjern, kif ukoll in-nota mressqa mill-intimata Nathalie Camilleri a fol. 872 tal-process u qabblet din il-lista mar-ricerki pubblici ta' Maria Dolores Vella prezentati fil-process a fol. 378 et seq tal-process. Irrizulta li l-proprjetajiet kollha hemm indikati fil-lista annessa man-nota gew kollha trasferiti wara l-mewt ta' Joseph Vella – missier ir-rikorrenti. Ghalhekk effettivament gjaladarba Maria Dolores Vella kellha l-jedd ta' l-uzu u l-uzufrutt fuq il-beni ta' zewgha, r-rikorrenti huma ntitolati ghas-sehem taghhom mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjetajiet li jirrizultaw mil-lista annessa man-nota a fol. 190 et seq tal-process fid-dawl ta' dak issollevat mill-intimati. Madanakollu qabel ma jigi dikjarat li hemm xi ammont mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjetajiet dovut lir-rikorrenti jridu jigu ezaminati l-eccezzjonijiet tal-intimati li jitrattaw proprju din il-kwistjoni.

**<u>L-eccezzjoni preliminari tal-intimati Mariella Ellul et – preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili:</u>**

Illi l-intimati eccepew preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni abbazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti ghal xi kumpens dwar xi prezzijiet ta' proprjetajiet mibjugha minn Maria Dolores sive Doris Vella wara li miet zewgha.

Illi din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni abbazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta gja giet issollevata u trattata fid-decizjoni bir-rikors guramentat numru 1075/10MCH fl-ismijiet Carmel sive Charles Vella et -vs- Maria Dolores Vella li trattat proprju l-kwistjoni li Maria Dolores Vella kienet iddisponiet

minn proprjetajiet li parti minnhom kienu jiffurmaw parti mill-gid imholli lir-rikorrenti minn missierhom Joseph Vella. F'dik id-decizjoni, l-Qorti kif diversament preseduta ghaddiet sabiex cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-Qorti ibbazat ruhha fuq is-segwenti:

> '**Preskrizzjoni**
>
> Dwar l-ewwel eccezzjoni fuq il-preskrizzjoni abbazi tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, fil-atti processwali ma ngabu ebda provi. Il-partijiet irreferew biss ghal dina l-eccezzjoni fin-noti ta`sottomissjonijiet rispettivi taghhom. Il-konvenuta tghid li l-kuntratti li saret referenza ghalihom ilhom li gew pubblikati snin u l-perjodu ta' hames snin ghadda. Fl-istess hin il-konvenuta eccepiet (ara eccezzjoni numru 9) li l-pretenzjonijiet tal-atturi gew pacuti. Illi l-eccezzjoni tat-tpacija fiha nfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kredituri. Ghalhekk l-eccezzjoni tat-tpacija xxejjen l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi ma jistax ikun hemm tpacija kemm-il darba l-kreditu mhux dovut ghax dan huwa preskritt (ara **R.Vella vs Moby Rentals Limited**, App Inf 22/11/2001).
>
> Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.'.

Illi din il-Qorti temmen li l-istess principji u l-istess argumenti japplikaw ghal fattispecie tal-kaz odjern. Infatti minn harsa lejn l-eccezzjonijiet fil-kawza odjerna jirrizulta li ghalkemm l-intimati m'ghamlux referenza specifika ghal kelma tpacija, fl-eccezzjonijiet bin-numri tnax (12) u tlettax (13) l-indikazzjoni hemm maghmula hija ghal fatt li skonthom Maria Dolores sive Doris Vella ghamlet diversi spejjez u ghalhekk dawn ghandhom jigu b'xi mod mehuda

in konsiderazzjoni, b'dan jalludu ghal tpacija. Dipiu' la darba tqajmet l-eccezzjoni ta' tpaccija fil-kawza l-ohra, l-Qorti ma tistax tinjora dan il-fatt qisu xejn m'hu xejn ghaliex la darba eccepew tpacija l-intimati alludew li kien hemm forma ta' hlas billi ammont dovut tpaca ma ammont iehor u ghalhekk ixejjen fix-xejn l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni. Il-Qorti tqis li lanqas jista jigi argumentat li l-perijodu preskrittiv iddekorra minn meta nghatat is-sentenza billi din giet deciza nhar l-14 ta' Ottubru, 2014 (fol. 139) u l-kawza odjerna giet intavolata nhar is-27 ta' Settembru, 2016. Huwa car ghalhekk li l-perijodu ta' hames (5) snin ma kienx lahaq iddekorra u bil-kawza dan il-perijodu se mai gie interrott. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak li ghadu kif inghad il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni.

**<u>Is-seba' u l-hdax il-eccezzjoni tal-intimati li uhud mit-talbiet huma llum *res judicata*:</u>**

Illi l-intimati fis-seba' (7) eccezzjoni eccepew illi r-rikorrenti kienu talbu sabiex jigi dikjarat li ommhom Maria Dolores sive Doris Vella ma kellha ebda dritt tiddisponi mill-gid imholli lilhom minn zewgha u sabiex jigi likwidat s-sehem spettanti lilhom mill-proprjeta' li hija kienet ddisponiet ruhha minnu izda, in forza ta' sentenza tal-14 ta' Ottubru, 2014 li ghaddiet in gudikat, it-talbiet kollha maghmula mir-rikorrenti kontra ommhom gew michuda. Ghalhekk uhud mit-talbiet kontenuti fir-rikors odjern gja kien hemm pronunzjament dwarhom fil-kawza bin-numru 1075/2010 fl-ismijiet indikati u konsegwentement illum huma *res judicata*.

Fil-hdax (11) il-eccezzjoni li hija fuq l-istess binarju tal-eccezzjoni msemmija fil-punt bin-numru seba' (7) eccepew illi t-talba tar-rikorrenti in kwantu tirreferi ghal xi sehem rapprezentanti

proprjeta' mibjugha minn ommhom Maria Dolores sive Doris Vella f'hajjitha llum ghadda in gudikat wara s-sentenza tal-14 ta' Ottubru, 2014 u konsegwentement hija insostenibbli.

Illi l-Qorti ma tqisx li ghandha ghaliex ittawwal wisq fuq din il-kwistjoni tar-*res judicata* billi minn harsa lejn is-sentenza bir-rikors guramentat numru 1075/10MCH fl-ismijiet Carmel sive Charles Vella et -vs- Maria Dolores Vella huwa car li ghalkemm il-Qorti ddecidiet dwar il-bejgh kienx wiehed legittimu jew le, mill-banda l-ohra l-Qorti ma ddecidietx fuq il-kwistjoni tar-rikavat li seta' kien dovut. Infatti l-Qorti ser tikkwota *ad verbatim* dak li rriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni taghha tal-14 ta' Ottubru, 2014 (fol. 139) fejn inghad illi:

> 'Dan bla pregudizzju ghad-drittijiet taghhom fuq ir-rikavat li jista' jkun dovut darba li tmut il-konvenuta li tgawdi b'uzufrutt l-assi kollha mhollija min zewgha Joseph Vella.'.

Illi dwar jekk kellux jigi ritenut jekk humiex prezenti t-tlett (3) rekwiziti sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-*res judicata* u cjoe' l-identita' tal-persuni, tat-talba u tal-oggett – *eadem personae, eadem res, eadem causa petendi*, f'din il-kawza huwa car li l-identita' tal-partijiet huma diversi, l-oggett tad-disputa bejn il-partijiet ghalkemm giet trattata l-kwistjoni dwar proprjetajiet li nbieghu mill-mejta Maria Dolores sive Doris Vella, kif inghad fil-paragrafu precedenti, dwar ir-rikavat il-kwistjoni thalliet impregudikata. Ukoll fir-rigward it-talbiet m'hemmx dubju li dawn huma diversi billi din il-kawza titratta divizjoni tal-assi ereditarji u likwidazzjoni tas-sehem riservat jekk jirrizulta li huwa dovut, li huma talbiet kompletamenti diversi minn dawk trattati fil-kawza l-ohra bir-rikors guramentat numru 1075/10MCH fl-ismijiet Carmel sive Charles Vella et -vs- Maria Dolores Vella. Ghalhekk in vista ta' dak

kollu suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

**<u>L-ghaxar eccezzjoni tal-intimati dwar l-awtorizzazzjoni permezz tat-testment *unica charta* ta' Joseph Vella:</u>**

Illi fl-ghaxar (10) eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew illi missierhom Joseph Vella gie nieqes fl-24 ta' Marzu, 1981 meta kellu biss disgha u hamsin (59) sena filwaqt li Maria Dolores sive Doris Vella mietet fl-10 ta' Jannar, 2016 u cioe' hamsa u tletin (35) sena warajh u tul dawn is-snin l-istess Maria Dolores sive Doris Vella ma kellha ebda introjtu hlief pensjoni zghira. Izidu li ghalhekk sabiex tmantni lilha nnifisha tul dawn is-snin kollha u kif kellha kull dritt li taghmel, hija ma kellhiex triq ohra hlief li tiddisponi minn xi assi formanti parti mill-komunjoni taghha ma' zewgha u dan a tenur tat-Tieni Artikolu tat-testment *unica charta* tal-4 ta' Gunju, 1980 fl-atti tan-Nutar Joseph Scicluna li jirregola l-wirt tieghu u in bazi ta' prokura li nghatat mill-istess rikorrenti lid-defunta ommhom, kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi sabiex jigi stabbilit jekk huwiex minnu jew le li Maria Dolores sive Doris Vella ddisponiet minn parti mill-proprjetajiet formanti parti mill-komunjoni taghha ma zewgha Joseph Vella sabiex tmantni lilha nnifisha a tenur tat-Tieni Artikolu tat-testment *unica charta* tal-4 ta' Gunju, 1980 fl-atti tan-Nutar Joseph Scicluna (fol. 8) il-Qorti ser tezamina dak li l-mejta Maria Dolores sive Doris Vella kellha bejn wiehed u iehor bhala introjtu f'xahar u ser tikkunsidra ai fini ta' kalkolu s-sena 1981 bhala dhul f'xahar.

Illi mill-atti bhala introtu fix-xahar jirrizulta li hija kellha s-segwenti:

1. Mill-pensjoni tar-romol fix-xahar l-ammont kien dak ta' €203.40 (ara x-xhieda ta' Saviour Theuma – rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali a fol. 950 et seq tal-process). Ovvjament tul is-snin il-pensjoni tar-romol zdiedet xi ftit jew wisq ghalkemm minn harsa lejn il-lista ta' meta saret il-bejgh tal-proprjeta' dan imur minn ftit wara l-mewt ta' zewgha fl-1982 u jibqa sejjer sas-sena 1995 u l-2002 (din tal-ahhar kien kuntratt fejn gie mibjugh fond lill-intimata Mariella Ellul).

   Infatti jekk tinghata harsa lejn il-pensjoni tar-romol li kienet iddahhal Maria Dolores sive Doris Vella fis-sena 2010 kienet dik ta' €416.72 fix-xahar li effettivament xorta jibqa ammont minimu meta kkunsidrat li mat-trapass taz-zmien il-hajja wkoll baqghet tghola.

2. Mill-hlas ta' cnus l-ammont bejn wiehed u iehor kien dak ta' €72.21 fix-xahar. Il-Qorti waslet ghal din ic-cifra billi kkalkulat ic-cens li kien jithallas fuq il-proprjetajiet kollha li gew mifdija li jirrizultaw mill-lista a fol. 190 et seq tal-process.

Illi mill-atti ma jirrizultax li l-mejta Maria Dolores sive Doris Vella kellha xi tip ta' introjtu iehor bhal kirjiet jew imghaxijiet li setghet tuzahom biex tghix. Illi dan ifisser li fis-sena 1982 Maria Dolores sive Doris Vella kellha l-ammont totali ta' €275.61 fix-xahar sabiex tghix u maghha kien ghad hemm zgur tghix wahda mill-ulied li kienet ghadha xebba.

Illi in oltre jekk wiehed jiehu kont tal-ammont li Maria Dolores sive Doris Vella dahhlet mill-bejgh tal-proprjetajiet li r-rikorrenti qeghdin jitolbu li huma jiehdu sehemhom mir-rikavat rapprezentanti sehem missierhom, tul is-snin dan kien fl-ammont

globali ta' wiehed u hamsin elf tmien mija u tmienja u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu (€51,828.50). Dan ifisser li fuq perijodu ta' hamsa u tletin (35) sena l-mejta Maria Dolores sive Doris Vella fis-sena oltre l-ammont indikat precedentement dahlet is-somma ta' €1,480.81 fis-sena u cioe' €123.40 fix-xahar, id-doppju jekk tikkunsidra li dan il-kalkolu qed isir fuq in-nofs biss tal-missier b'dana li l-omm dahhlet ir-rikavat tan-nofs l-iehor li kien proprheta' taghha stess. Dan l-ammont huwa oltre l-ammont l-iehor ta' €275.61 fix-xahar bit-total jkun dak ta' tlett mija disgha u disghin Ewro u centezmu (€399.01) u jekk izzid il-parti tal-omm dan jasal ghas-somma ta' hames mija u tnejn u ghoxrin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€522.41).

Minn harsa lejn dawn ic-cifri huwa car li Maria Dolores sive Doris Vella ma kelliex introjtu kbir fix-xahar sabiex tghix anzi l-ammont kien wiehed minimu hafna. Dan apparti li hija kellha tghix maghha wahda mill-ulied u kellha spejjez ulterjuri relatati ma' mard u interventi medici li hija ghamlet tul is-snin (ara rizultati u ricevuti ta' spejjez medici a fol. 1467 et seq tal-process). Ukoll fl-atti gie mressaq bhala xhud certu Joseph Attard permezz ta' affidavit a fol. 1011 tal-process li kkonferma li matul is-snin huwa kien jaghmel il-manutenzjoni fil-fond ta' Maria Dolores sive Doris Vella li kellha gewwa Bugibba u dan billi huwa fond quddiem il-bahar kienu jinqalawlu diversi hsarat. Ovvjament sabiex tkopri dawn l-ispejjez jrid ikollok renta ohra diehla barra dik tal-pensjoni u tac-cnus li bhal ma nghad l-ammont kien wiehed minimu fix-xahar. Il-Qorti tirrileva wkoll li l Maria Dolores sive Doris Vella bieghet il-proprjetajiet li kif inghad kienu lkoll suggetti ghal cnus favur terzi w'ghalhekk inbieghu ghal prezzijiet baxxi hafna fuq medda ta' snin u mhux kollha f'daqqa li hija ndikazzjoni li hija bieghet il-proprjeta' skont il-bzonn taghha tal-mument u mhux b'kapricc jew sabiex

tagevola lil xi hadd minn uliedha, kif jittentaw jargumentaw ir-rikorrenti Carmel sive Charles Vella et[1].

Illi ndikazzjoni ohra li Maria Dolores sive Doris Vella wara l-mewt ta' zewgha Joseph Vella kellha bzonn il-flus sabiex tghix gie wkoll ikkonfermat mir-rikorrent stess Carmel sive Charles Vella fl-affidavit tieghu a fol. 161 et seq tal-process fejn huwa stqarr li n-Nutar kien ikkonvincih sabiex jaghti l-prokura lil ommu sabiex ma joqtoliex bil-guh. Jixhed:

> 'Jiena kien ikkonvincini in-Nutar ghax qalli li jekk ma niffirmax ommi se tmut bil-guh u ghalhekk kont qbadt u iffirmajt il-prokura ghax jiena lill-ommi kont inhobbha. Din il-prokura iffirmajtha biss, minghalija, sabiex issir is-successjoni.'.

Fil-fehma tal-Qorti meta Maria Dolores sive Doris Vella bieghet parti mill-proprjetajiet tal-komunjoni tal-akkwisti hija kienet qieghda tagixxi fil-limiti tat-Tieni Artikolu tat-testment *unica charta* tal-4 ta' Gunju, 1980 fl-atti tan-Nutar Joseph Scicluna (fol. 8) u ghalhekk ir-rikorrenti m'humiex intitolati ghal xi sehem mir-rikavat ta' tali bejgh.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-ghaxar eccezzjoni tal-intimati u konsegwentement ghar-ragunijiet suesposti tichad it-talbiet relatati mal-istess u ma tghaddix sabiex tassenja lir-rikorrenti parti mir-rikavat mibjugh minn ommhom Maria Dolores sive Doris Vella.

---

[1] Ara affidavit tar-rikorrenti Grace Azzopardi a fol. 154 et seq tal-process; affidavit ta' Sonia Azzopardi a fol. 156 et seq tal-process.

**<u>Sehem ir-rikorrenti mill-assi tal-mejjet missierhom/nannuhom Joseph Vella:</u>**

Illi in vista ta' dak li nghad fis-sezzjoni '**<u>Assi tal-mejtin konjugi Vella:'</u>** u tal-konkluzjoni raggunta relatata mal-bejgh ta' diversi proprjetajiet minn Maria Dolores sive Doris Vella, l-assi ta' Joseph Vella li ghad ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni u li ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom jiehdu sehem minnu huma unikament s-segwenti:

1. Sehemhom mid-deheb, fidda u hagar prezzjuz li gie valutat *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' €10,000 b'dan li sehem ir-rikorrenti Carmel sive Charles Vella u Grace Azzopardi huwa dak ta' €1,000 kull wiehed u sehem ir-rikorrenti Silvano u Sonia ahwa Azzopardi huwa dak ta' €500 kull wiehed ghat-total ta' €1,000. Total dovut lill-partijiet huwa ta' €3,000.

**<u>Porzjoni riservata fuq il-beni tal-mejta Maria Dolores sive Doris Vella:</u>**

**<u>It-tielet eccezzjoni tal-intimati li ir-raba', l-hames u s-sitt talbiet relatati mal-porzjoni riservata huma monki billi ma saret l-ebda talba ghad-dikjarazzjoni rigward id-diseredazzjoni o meno taghhom da parte ta' Maria Dolores sive Doris Vella:</u>**

Illi l-intimati fit-tielet eccezzjoni taghhom eccepew illi r-raba', l-hames u s-sitt talbiet tar-rikorrenti huma monki peress li r-rikorrent ma talbu l-ebda dikjarazzjoni rigward id-disereditazzjoni o meno taghhom da parti ta' Maria Dolores sive Doris Vella in forza tat-testment tas-16 ta' Novembru, 2011 fl-atti tan-Nutar Jeannette Laferla Saliba u konsegwentement u fin-nuqqas ta' tali talba, dawn

it-tlett talbiet kif impostati huma mproponibbli u ma jistghu qatt jirnexxu.

Illi fi kliem semplici l-intimati bit-tielet eccezzjoni jargumentaw illi r-raba', l-hames u s-sitt talbiet huma monki billi r-rikorrenti qabel tali talbiet naqsu milli jressqu talba fis-sens li l-Qorti tiddikjara d-disposizzjoni testamentarja maghmula minn Maria Dolores sive Doris Vella fir-Raba' Artikolu tat-testment taghha datat 16 ta' Novembru, 2011 fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba (fol. 82) fejn ordnat id-dizereditazzjoni, bhala nulla u inattendibbli u konsegwentement thassar l-effetti taghha. Skonthom dan jirrendi r-raba', l-hames u s-sitt talbiet kif impostati bhala mproponibbli u ma jistghu qatt jirnexxu.

Illi l-Qorti ma taqbilx ma dak eccepit mill-intimati billi ghalkemm ir-rikorrenti naqsu milli jaghmlu talba *ad hoc* fir-rikors guramentat ghad-dikjarazzjoni li d-disposizzjoni testamentarja maghmula minn Maria Dolores sive Doris Vella fir-Raba' Artikolu tat-testment taghha hija nulla u inattendibbli u ghalhekk jithassru l-effetti taghha, d-dikjarazzjoni li ghaliha jirreferu l-intimati xorta wahda hija implicita fir-raba', l-hames u s-sitt talbiet billi hija intrinsikament necessarja mat-talbiet espressament formulati ghat-talba tas-sehem riservat. Hekk difatti gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Mifsud -vs- Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-13 ta' Gunju, 2008 fejn ghalkemm il-fatti huma diversi l-istess principji huma applikabbli ghal kaz odjern. Inghad illi:

> 'Issa bl-att promotur taghhom l-atturi ppremettew illi l-konvenut kien baqa' moruz fit-termini tal-ftehim ta' lokazzjonijiet tas-6 ta' Novembru, 1995 u 23 ta' Jannar, 1997, annessi ma' l-istess Avviz. Huma ppremettew ukoll illi kienu intimaw ukoll lill-konvenut b'ittra ufficjali tat-3 ta' Frar, 2004

illi kienu qeghdin jikkonsidraw il-ftehim bhala terminat u konsegwentement talbuhom ir-radd lura tal-fond. In segwitu, ghaddew biex talbu wkoll l-izgumbrament tieghu mill-fond. Issa, avolja skond l-Artikolu 171 tal-Kapitolu 12, ghal dak li hu l-Avviz quddiem Qorti Inferjuri, il-premessi ma humiex strettament necessarji (ara "**Francis Fenech -vs- Joyce Restall et**", Appell Inferjuri, 29 ta' Marzu, 1982), eppure, fil-kaz prezenti il-premessi li saru huma sufficjentement cari u t-talba tissodisfa l-vot tal-ligi. Mhux dan biss, in kwantu fil-fehma tal-Qorti, xorta wahda d-dikjarazzjonijiet ghal liema jirreferu l-appellanti jistghu jitqiesu certament u implicitament proposti ghaliex huma f'rapport ta' konnessjoni necessarja mat-talba espressament formulata ta' l-izgumbrament u ghal liema jikkostitwixxu l-antecedent logiku u guridiku. Hu, del resto, insenjament pacifiku illi "d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu m'hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi" ("**Joseph Gasan -vs- Farmacista Nicola Spiteri**", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju, 1948 u "**Gloria Beacom et -vs- AIC Anthony Spiteri Staines**", Appell, 5 ta' Ottubru, 1998;

Il-Qorti tara analogija f'dan il-kaz ma' dak fejn il-Qorti kienet mitluba tilqa' talba ghal zgumbrament minghajr talba li l-konvenut kien qed jokkupa l-fond bla titolu. Hekk inghad illi "il-Qorti ma tarax li kien necessarju ghall-atturi li jaghmlu talba ad hoc fic-citazzjoni ghal dikjarazzjoni li l-konvenut qed jokkupa l-fond bla titolu billi din il-kwistjoni hi impicita fl-imsemmija talba ghall-izgumbrament" ("**Dottor George Vassallo et -vs- Julain Sammut**", Appell, 12 ta' Marzu, 1990). Similment, inghad illi ma kienx necessarju ghar-regolarita` tal-kawza ta' zgumbrament illi tintalab id-dikjarazzjoni

> precedenti tan-nullita' tat-titolu li l-konvenut ikun qieghed jeccepixxi ghat-talba attrici. Ara "**Avukat Dottor Carmelo Agius -vs- Stella Azzopardi et nomine**", Appell Civili, 1 ta' Settembru, 1967;'.

Fuq l-istess principji mxiet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Paul Scerri -vs- Auto Sales Limited** deciza fit-28 ta' Novembru, 2008 fejn inghad illi:

> '...hu, ukoll, pacifikament ricevut anke fil-kaz ta' procedimenti aktar sagrosanti quddiem il-Qrati illi fejn "ic-citazzjoni tikkontjeni, kif titlob il-ligi, l-esposizzjoni cara u certa tal-oggett tat-talba , kif sostniet din il-Qorti **(Vol.V.166),** ***'sono superflue le dichiarazione domandate in una citazione, quando i fatti ai quali si riferiscono le stesse dichiarazioni non presentano alcune difficolta' da richiedere l'ufficio espresso del giudice per la loro risoluzione."*** **Ara Baruni Alessandro Jan D'Amico Inguanez et -vs- Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier nomine et,** Appell Civili, 21.10.1955. Ara wkoll fiz-zminijiet aktar ricenti s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet **Ivor Zammit -vs- Michael Zammit Tabona**, 06.03.1996, u **L-Avukat Dottor Jean-Philippe Chetcuti -vs- Maurice Vassallo Eminyan et**, 27.06.2008.'.

Fic-cirkostanzi tal-kawza odjera l-Qorti ma tqisx li n-nuqqas da parti tar-rikorrenti li jinkludu talba sabiex jigi dikjarat li d-disposizzjoni testamentarja relatata mad-dizereditazzjoni nulla u inattendibbli tirrendi t-talbiet imsemmija fl-eccezzjoni bhala monki. Pjuttost tqis li, fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti kienet xorta obbligata tinvestiga jekk effettivament tikkonkorrix raguni valida ai termini tal-ligi li r-rikorrenti jigu dizereditati. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din it-tielet eccezzjoni.

**<u>It-tmien eccezzjoni tal-intimati u eccezzjonijiet ohra relatati mad-diseredazzjoni li hemm bizzejjed ragunijiet validi u bizzejjed fil-ligi sabiex ir-rikorrenti jigu disereditati:</u>**

Illi l-intimati fit-tmien eccezzjoni taghhom eccepew illi hemm ragunijiet validi u bizzejjed fil-ligi sabiex ir-rikorrenti jigu disereditati kif ser jigi ampjament ippruvat.

Illi l-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom (fol. 1766) jindikaw ir-raguni ghad-diseredazzjoni tar-rikorrenti bhala li r-rikorrenti rrendew ruhhom hatja ta' ingurji gravi u offizi fil-konfront ta' ommhom minhabba l-azzjoni hazina u l-ingratitudni li wrew fil-konfront taghha meta inkarigaw avukat tal-fiducja taghhom u mhux b'mod izolat izda permezz ta' diversi ittra, xlewha bi frodi u kliem ingurjuz fil-konfront taghha. L-intimata Mariella Ellul fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha (fol. 1803) tghid illi r-rikorrenti wettqu diversi offizi gravi fil-konfront ta' ommhom u b'hekk ommha kienet altru milli gustifikata li tordna d-dizeredazzjoni taghhom stante li ma kienux denji li jircievu lanqas is-sehem riservat wara snin twal ta' mohqrija, insulti, ingurji, abbandun u agir li ghandu jipprovoka mhux biss il-qilla ta' kwalsiasi testatur ragjonevoli izda anki l-qilla tal-gudizzju ta' din il-Qorti.

Illi f'dan l-istadju l-ewwel punt li ghandu jigi stabbilit huwa r-raguni/ragunijiet moghtija minn Maria Dolores sive Doris Vella ghad-dizeredazzjoni tar-rikorrenti. Illi Maria Dolores sive Doris Vella fit-testment taghha tas-16 ta' Novembru, 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba (fol. 82) fir-Raba' Artikolu ddisponiet illi:

‘ **Ir-Raba Artikolu:**

It-testatrici qiegheda espressament tiddikjara li qiegheda tiddiseredita lit-tlett uliedha Charles Vella, Eileen Azzopardi u Grace Azzopardi u ma thallilhom xejn l-anqas il-legittima li taghtihom il-ligi minhabba offizi gravi u mohqija li jirrizultaw anke minn allegazzjonijiet bil-miktub, maghmula fil-konfront taghha fejn tigi akkuzata fost l-ohrajn ta' frodi, qerq, u li qed tonqos bhala omm u qed tifred lill-familja. Dawn l-istess tlett ulied uzaw kliem ta' theddid, u dizpregjattiv lejn it-testatrici u dan wara li tant ghamlet maghhom meta taghthom bi prezzijiet vantagguzi hafna diversi proprjetajiet immobiljari u anke oggetti ohra prezzjusi. Fost l-ohrajn l-allegazzjonijiet fuq imsemmija li huma ghal kollox infondati u li wegghuha tremendement intbaghatu lit-testatrici tramite l-Avukat tat-tlett uliedha Charles, Eileen, u Grace datati sittax ta' Dicembru elfejn u disa (16/12/2009), erba ta' Jannar elfejn u ghaxra (4/1/2010); wiehed u ghoxrin ta' Jannar elfejn u ghaxra (21/1/2010); u tmienja u ghoxrin ta' April elfejn u ghaxra (28/4/2010) u ittra ufficjali datata tmienja ta' Frar elfejn u ghaxra (8/2/2010).

Oltre dan, dawn it-tlett (3) uliedha fethu kawza kontra t-testatrici li fil-kors taghha qieghdin isiru allegazzjonijiet ulterjuri u serji kontra l-istess testatrici.'.

Illi minn harsa lejn ir-Raba' Artikolu tat-testment tas-16 ta' Novembru, 2011 (fol. 82) il-Qorti tinnota li t-testatrici Maria Dolores sive Doris Vella indikat zewg ragunijiet li fuqhom ir-rikorrenti kellhom jigu dizeredati li huma dawk indikati fl-Artikolu 623 (d) u (e) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponu:

‘**623.** Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 630, ir-raġunijiet li għalihom dixxendent jista’ jiġi diżeredat huma dawn biss li ġejjin:

…

(d) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort’oħra sar ħati ta’ moħqrija lejh;

(e) jekk id-dixxendent kien ħati lejn it-testatur ta’ offiża gravi;’.

Illi mill-partijiet dwar din il-kwistjoni gew imressqa s-segwenti provi:

<u>Provi da parti tar-rikorrenti:</u>

1. Affidavit tar-rikorrenti Grace Azzopardi a fol. 154 et seq tal-process, xhieda taghha moghtija fis-seduta tat-23 ta’ Novembru, 2017 a fol. 865 et seq tal-process u kontro-ezami fis-seduta tas-27 ta’ Mejju, 2021 a fol. 1430 et seq tal-process u kontro-ezami ulterjuri fis-seduta tat-30 ta’ Marzu, 2022 a fol. 1623 et seq tal-process;

2. Affidavit tar-rikorrenti Sonia Azzopardi a fol. 156 et seq tal-process u kontro-ezami taghha fis-seduta tal-21 ta’ Frar, 2022 a fol. 1592 et seq tal-process;

3. Affidavit tar-rikorrenti Carmel sive Charles Vella a fol. 161 et seq tal-process;

4. Affidavit tar-rikorrenti Silvano Azzopardi a fol. 164 et seq tal-process u kontro-ezami tieghu fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2022 a fol. 1605 et seq tal-process;

<u>Provi da parti tal-intimati:</u>

5. Affidavit ta' Lara Camilleri a fol. 953 et seq tal-process u kontro-ezami taghha fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2023 a fol. 1724c et seq tal-process;

6. Affidavit ta' Ronald Camilleri a fol. 959 et seq tal-process u kontro-ezami tieghu fis-seduta tat-22 ta' Gunju, 2023 a fol. 1687 et seq tal-process;

7. Affidavit ta' Sr Rachel Camilleri a fol. 989 et seq tal-process u kontro-ezami taghha fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2023 a fol. 1724a et seq tal-process;

8. Affidavit tal-intimata Mariella Ellul a fol. 996 et seq tal-process u affidavit ulterjuri a fol. 1570 et seq tal-process u kontro-ezami taghha fis-seduta tat-12 ta' Mejju, 2023 a fol. 1675 et seq tal-process;

9. Xhieda tal-intimata Natalie Camilleri fis-seduta tas-16 ta' Settembru, 2020 a fol. 1014 et seq tal-process u affidavit taghha a fol. 1073 et seq tal-process, kontro-ezami ta' Natalie Camilleri fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2022 a fol. 1654 et seq tal-process, kontro-ezami ulterjuri taghha fis-seduta ta' 22 ta' Gunju, 2023 a fol. 1695 et seq tal-process u affidavit iehor a fol. 1704 et seq tal-process;

10. Affidavit ta' Manuel Ellul a fol. 1057 et seq tal-process u kontro-ezami tieghu fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2023 a fol. 1664 et seq tal-process;

11. Xhieda tal-intimata Dottor Tanya Sciberras Camilleri fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 2021 a fol. 1426 et seq tal-process. L-intimata Dottor Tanya Sciberras Camilleri waqt id-deposizzjoni taghha esebiet fost affarijiet ohra (a) ix-xhieda permezz ta' affidavit tal-mejta Maria Dolores sive Doris Vella u affidavit addizzjononali tal-istess Maria Dolores sive Doris Vella li kienet ipprezentat fl-atti tal-kawza l-ohra bir-rikors guramentat numru 1075/10MCH fl-ismijiet Carmel sive Charles Vella et -vs- Maria Dolores Vella (a fol. 1461 et seq tal-process);

12. Xhieda tar-rikorrenti Grace Azzopardi moghtija fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2021 a fol. 1546 et seq tal-process;

13. Xhieda tar-rikorrenti Charles Vella moghtija fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2021 a fol. 1559 et seq tal-process u xhieda ulterjuri fis-seduta tat-3 ta' Gunju, 2022 a fol. 1639 et seq tal-process;

Illi m'hemmx dubju li l-ammont ta' provi favur u kontra l-kwistjoni tad-diseredazzjoni fl-atti huwa wiehed piuttost voluminuz. Il-Qorti rat izda li meta tghasar ix-xhieda kollha prezentata u kwotati fil-paragrafi precedenti, effettivament tohrog ripetizzjoni tal-istess

fatti u cirkostanzi. In sintesi li johrog mix-xhieda tal-intimati bhala fatti u ragunijiet ghad-dizeredazzjoni huma s-segwenti:

1. L-intimata Mariella Ellul tghid li r-relazzjoni tar-rikorrenti Grace, Eileen u Charles bejniethom kienet wahda tremendement hazina kif ukoll m'ommhom Maria Dolores sive Doris Vella. Tghid illi Charles kellu kwistjonijiet serji ma ommhom fuq it-testment u kien jiggieled u jqanqal kwistjonijiet kbar fuqu. Tghid li kien imur id-dar jidghi, jsabbat u jwerwirhom kollha kemm huma u ommha wara li jitlaq kienet tispicca tirtoghod u tibki biki kbir. Issemmi avvenimenti varji li graw bejn Charles u ommhom kollha relatati mat-testment fosthom fejn kien jghidilha li ser jirrapportha ma tal-VAT. Ix-xhud tixhed wkoll dwar avvenimenti relatati ma' Grace fejn kienet tirredikolha hafna lill-ommha. Issemmi wkoll il-fatt li Grace kienet iccempel fuq ir-radju tal-RTK u kienet issemmi fatti relatati ma' glied fil-familja. Dan il-fatt relatat mar-radju huwa wkoll ikkonfermat minn Grace Azzopardi nfisha fix-xhieda taghha in kontro-ezami moghtija fis-27 ta' Mejju, 2021 a fol. 1430 et seq tal-process. Dwar Eileen issemmi wkoll avvenimenti partikolarment dak fejn ir-ragel taghha Pawlu Azzopardi f'okkazzjoni fil-Milied kien imbotta lil Maria Dolores sive Doris Vella u konsegwenza t'hekk kienet ghamlet hsara fir-retina u kellha tigi operata l-Ingilterra.

   Tixhed ukoll dwar l-ittri li bdew jintbaghtu bl-avukat u li dawn kienu qeghdin jikkawzaw hafna ugiegh il-qalb lil ommha li kienet tibki hafna fuqhom. Tghid li lil ommha kienu rriferew ghaliha f'dawn l-ittri bhala li hija frodista, li qed tifred il-familja u li Eileen kienet qaltilha li qed tmarradha u li kienet hadet il-prokura b'qerq. Tghid li wara hafna glied u

argumenti li kienu anke jinvolvu lil Charles fejn kien imur id-dar jiggieled, ir-rikorrenti kienu fethu l-kawza l-ohra fejn kienu allegaw li ommhom marret b'karta ghandhom u gaghlithom jiffirmaw. Ix-xhud tghid li dan ma kienx minnu ghaliex il-prokura kienet giet iffirmata minnhom minn jeddhom u giet iffirmata quddiem in-Nutar Sciberras il-Fgura.

2. L-intimata Nathalie Camilleri, li kienet tghix fid-dar ta' Maria Dolores sive Doris Vella, tghid illi dak kollu li ser tixhed hi, hija ratu, semghetu u ghaddiet minnu personalment. Tghid li hutha Charles, Grace u Eileen tul hajjet ommha nkwetawha hafna b'hafna glied u argumenti l-iktar fuq il-wirt tant li fethulha kawza fuq il-wirt ta' missierhom Joseph Vella u qabel kienu nkarigaw avukat u kienu bghatulha hafna ittri legali li weggghu hafna lil ommha. Ix-xhud tixhed dwar l-episodji kollha li ir-rikorrenti kellhom ma' ommhom fejn fost dawn l-avvenimenti ssemmi l-okkazzjoni fejn Pawlu r-ragel ta' Eileen kien waqqa lil ommha mal-art u b'rizultat ta' dan ommha kellha 'retinal detachment' u kwazi kienet tilfet il-vizta ta' ghajnejha l-leminija. Issemmi li Charles kien jaqla hafna glied dwar il-prokura, il-wirt u flus. Tghid li ommha kienet tiehu kedded kbar meta Charles kien jaqla l-inkwiet. Tixhed dwar meta Grace Azzopardi kienet bghatet kartolina tal-Milied lil ommha u li fiha kien hemm kliem ta' ingurja fejn sahansitra ghajritha frodista. Tghid ukoll li f'okkazzjoni ohra xi tlett ijiem qabel il-Milied ommha kienet irceviet ittra mill-Qorti fejn giet mhedda minn Grace li ser tibghatilha l-marixxall id-dar. Tghid li din l-ittra kienet kidditha hafna lil ommha anke ghaliex hija kienet anzjana u l-kelma 'marixxal' kienet twerwirha. Tghid li f'dik l-okkazzjoni ommha kienet

bjadet u bdiet tirtghod u biex jikkalmawha hi u ohtha kienu harguwha dawra bil-karozza.

Din il-verzjoni tal-fatti hija kkonfermata mix-xhieda Lara Camilleri, Ronald Camilleri, Sr Rachel Camilleri u Manuel J. Ellul.

Illi din il-Qorti ma tistax ukoll tinjora x-xhieda moghtija mill-istess Maria Dolores sive Doris Vella fil-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet, liema xhieda giet esebita fl-atti odjerni a fol. 1461 et seq tal-process. In sintesi li johrog mix-xhieda ta' Maria Dolores sive Doris Vella huwa s-segwenti:

1. Maria Dolores sive Doris Vella tixhed dwar dak li ghamlet ma' wliedha kollha u x'kienet tathom tul hajjitha flimkien ma zewgha.

2. Maria Dolores sive Doris Vella tixhed dwar l-avveniment li kien sehh meta Paul Azzopardi kien hebb ghaliha u tefghaha ghal art u fejn minn hemm hekk kienet bdiet issofri b''detached retina' u spiccat kellha titla tiehu l-kura l-Ingilterra u ghamlet spejjez konsiderevoli.

3. Maria Dolores sive Doris Vella tixhed ukoll dwar x'kien inqala' ma bintha Eileen Azzopardi rigward il-hlas tac-cens fl-ammont ta' Lm 1,400 u fejn zewgha Paul Azzopardi kien taha cekk li ma jissarrafx. Tghid li sussegwentement Eileen Azzopardi kienet qaltilha li hi kellha tirritornalha l-ammont ta' Lm 1,400 billi dan l-ammont kien thallas darbtejn. Tghid li kienet irceviet ittra minghand nutar u hija kienet inkarigat avukat biex jirrispondiha. Tghid li wara dak kien beda jikteb

l-Avukat Dottor Reno Borg sabiex trodd lura l-flus u f'dawk l-ittri kienet tghidilha li hija kienet ghamlet frodi jew qerq. Tghid li saru risposti ghal dawn l-ittri u wara xi zmien kienet inbdiet il-kawza.

Xehdet ukoll li Grace Azzopardi u Charles Vella kienu zammew ma' Eileen. Izzid ukoll li Grace kienet ghamlet snin twal ma tkellimx lil huwha Charles u hadd ma kien jaf r-raguni x'kienet. Tghid ukoll li Grace kienet ghamel perijodu ta' xi hames snin ukoll ma tkellimiex u f'dak il-perijodu kienet iccempel fuq programmi tar-radju u kienet tghid hafna paroli fuq l-ommijiet li kienu jaghmlu preferenzi ma wliedhom.

4. Maria Dolores sive Doris Vella tghid li binha Charles kien jmur jaraha u kien ta' spiss jaghmlilha xenati billi kien jghid li hutu hadu u hu le. Tghid li hija kienet xebghet b'dawn ix-xenati u kien ghalhekk li hija tatu garaxx li kien hemm ma' genb il-petrol station u li fuq il-garaxx kien hemm cens ta' Lm 90.

Illi din il-Qorti taghmel referenza b'mod specjali ghal ittri msemmija fid-disposizzjoni testamentarja fir-Raba' Artikolu tat-testment ta' Maria Dolores sive Doris Vella datat 16 ta' Novembru, 2011 (fol. 82) li a bazi taghhom hija ddizereditat lil uliedha r-rikorrenti. Dawn l-ittri jinsabu esebitifl-atti a fol. 128 et seq tal-process u huma datati (i) 16 ta' Dicembru, 2009, (ii) 4 ta' Jannar, 2010, (iii) 28 ta' April, 2010 u (iv) ittra ufficjali datata 8 ta' Frar, 2010. Minn ezami taghhom jirrizulta li ntuzaw kliem bhal qerq, frodi, ingann u li l-omm b'referenza ghal Maria Dolores sive Doris Vella kienet qieghda ggelled lill-ahwa ma xulxin flok li tghaqqadhom u li minhabba l-agir taghha bintha Eileen Azzopardi kienet mardet.

Issir ukoll referenza ghal fatt li kienu sejrin jittiehdu passi kontra Maria Dolores sive Doris Vella fuq frodi u li kienu ser jidhlu l-pulizija u kienet ser tispicca f'hafna nkwiet.

Illi b'referenza ghall-princippji legali applikabbli l-Qorti taghmel referenza ghal kaz fl-ismijiet **Mary Schembri et -vs- Dennis Schembri et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Novembru, 2017 fejn inghad illi:

'**18.** Huwa car, li fil-kaz odjern, id-dizeredazzjoni giet fil-fatt dikjarata mit-testatur Joseph Schembri ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-Kodici Civili kif jezigi l-artikolu 622 tal-Kodici Civili. Di fatti f'artikolu 2 tat-Testment tieghu ried u ordna li jigu iddizeredati uliedu kollha ghar-ragunijiet indikati fil-paragrafi (d) u (e) tal-artikolu 623 tal-Kodici Civili.

**19.** Izda huwa wkoll daqstant car ghal din il-Qorti, li t-testatur Joseph Schembri, sa fejn jirrigwarda lill-uliedu Atturi, naqas ghal kollox milli jfisser b'mod car fit-testment il-fatti li kellhom jaghtu lok ghad-diseredazzjoni kif espressi fis-sub-incizi (d) u (e) 623 tal-Kodici Civili u kif hekk ukoll jezigi l-artikolu 622 tal-istess Kodici. Tabilhaqq, fit-termini ta' dan l-ahhar artikolu, id-dizeredazzjoni mhux biss kellha tkun dikjarata mit-testatur Joseph Schembri "ghal xi raguni msemmija f'dan il-Kodici" izda l-istess raguni msemmija fl-artikolu 623(d) u (e) sucitat kellha tkun ukoll "**imfissra fit-testment**".

**20.** Fil-kors tas-smiegh tal-kawza, il-Konvenuti provaw jaghtu spjegazzjoni ghalfejn il-mejjet provda ghad-dezeredazzjoni tal-ulied Atturi. Dan jemergi kemm mill-

kontro-ezamijiet tal-Atturi u anke mix-xhieda tan-Nutar Ruben Casingena (a` fol 465 ara ukoll nota responsiva ta' sottomissjonijiet fil-punti 19 sa 24 a` fol 913 tal-process). In succint, il-Konvenuti provaw jiggustifikaw id-dizeredazzjoni peress li skonthom, l-ulied Atturi fil-kawza, abbandunaw lil missierhom billi qatt ma cemplulu u lanqas marru jarawh minn meta dahal l-isptar sakemm miet.

**21.** Din il-Qorti hi tal-fehma soda, li fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 622 tal-Kap. 16, ir-raguni kellha tkun imfissra mit-testatur fit-testment u mhux mill-eredi konvenuti li fit-termini tal-artikolu 625(1) kellhom biss l-obbligu li jsostnuwa u jippruvawha.

**22.** Kif gustament sahqet il-**Prim' Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Harding fis-sentenza Giovanni Bartolo vs Antonio Bartolo et moghtija fis-7 ta' Jannar 1936**, "<u>*una volta ma hemmx ebda fatt li jammonta ghal motiv ta' dizeredazzjoni, allura d-dizeredazzjoni ta' l-attur [ommissis] ma hix sostenibili, u l-attur ghandu d-dritt ghal-legittima.*</u>" (***P.A. Kollez. Vol: XXIX.ii.880***). Ghalhekk, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament, li l-fatt wahdu li t-testatur jonqos milli jfisser ir-raguni ghad-dizeredazzjoni fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artikolu 622 tal-Kodici Civili, dan jammonta ghal nuqqas serju sostantiv li ma jwassalx ghad-dezeredazzjoni kif trid il-ligi taht l-artikli sucitati.

**23.** Fir-riward tat-<u>tieni talba</u> Attrici, irid pero' jinghad ukoll, li jekk wiehed kellu joqghod ma' kif testwalment hija imfassla, din id-dikjarazzjoni hija fis- sens li "r-raguni ta' diseredazzjoni ma hijiex gustifikata" ghax ma gietx

pruvata mill-Konvenuti eredi a tenur tal-artikolu 625 tal-Kodici Civili (ara nota ta' sottomissjonijiet a fol 899) u mhux ghax it-testatur naqas milli jsemmi r-raguni li ghaliha ddizereda lil uliedu skont kif jesprimi l-artikolu 622 tal-Kap. 16.

**24.** Ghalhekk, anke f'dan ir-rigward, fit-termini ta' kif inhi arginata t-tieni talba tal-Atturi, kieku kellha issir indagini dwar jekk ir-raguni ghad-dizeredizzjoni, kif moghtija mill-Konvenuti eredi biex jiggustifikawha, gietx sodisfacentement provata minnhom fit-termini tal-artikolu 625(1), din il-Qorti, minghajr esitazzjoni tikkonkludi li ma kienx hemm ragunijiet gusti.

**25.** Kif gie stabbilit mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Dorothy Grech vs Deborah Fenech De Fremaux** datata 8 ta' Frar 2006:-

*"… … l-jedd tad-dizeredazzjoni huwa kontrollat mill-awtorita' gudizzjarja biex jigi mistharreg jekk kemm-il darba r-raguni msemmija mit-testatur kinitx tiswa jew le. Testatur li jaghmel uzu hazin minn dak il-jedd jitqies bhallikieku ma ezercitahx (App. Civ.* ***14.11.1938*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Bartolo et vs Camilleri noe et*** *(Kollez. Vol:****XXX.i.240****). Il-gravita' tar-raguni li dwarha testatur jista' jiddezereda werriet ghandha tkun tali li mhux kull ghamil meqjus bhala offensiv mit-testatur jaghti raguni ghad-dizeredazzjoni (P.A.* ***20.3.1949*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Attard Montalto vs Attard Montalto*** *(Kollez. Vol:****XXXIII.ii.357****);*

*Illi d-dizeredazzjoni hija meqjusa bhala cirkostanza eccezzjonali li fiha t-testatur ikun jista' jhalli barra mill-wirt tieghu lil min, mod ieħor, huwa bil-ligi mholli dak il-jedd. Fi kliem iehor, f'sistema guridiku bhalma huwa dak Malti fejn it-*

*testatur m'huwiex moghti liberta' shiha dwar kif jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu, id-dizeredazzjoni hija "rimedju" li jinghata lit-testatur dwar persuna li – kieku mhux ghal raguni serja u gravi mahsuba fil-ligi (Raguni serja u gravi bizzejjed li tista' ccahhad il-jedd tal-manteniment skond l-artikolu 32 tal-Kap 16 ) – kien ikollha jedd għal-legittima. Hija cirkostanza li tmur kontra r-regola, u ghalhekk hija mharsa b'normi speċjali bil-ghan li persuna ma titnehhiex kapriccjozament mill-jedd li tiehu s-sehem minimu li jmissha skond il-ligi. Fuq kollox, id-dizeredazzjoni hija ghamla ta' kastig li t-testatur jista' jimponi minhabba xi ghamil jew omissjoni li ghaliha jkun jahti l-werriet. B'differenza mic-cirkostanzi fejn persuna ma jkunx jisthoqqilha tiret lit-testatur (Ara l-art. 605(1) tal-Kap 16), id-dizeredazzjoni hija sanzjoni li huwa t-testatur innifsu li jagħżel li jimponiha, u hija meqjusa bhala istitut odjuz li jmissu jitnehha (Caruana Galizia Notes on Civil Law – Law on Succession ,pagg. 1003-4). Kemm hu hekk, fil-bidliet li saru dan l-ahhar fil-ligi tas-Successjoni, id-dizeredazzjoni tal-axxendenti tnehhiet (L-artikolu 624 tal-Kodici Civili thassar bl-art. 65 tal-Att XVIII tal-2004), izda l-legislatur ma deherlux li huwa l waqt li titnehha wkoll dik tad-dixxendenti;*

*Illi l-ligi trid li r-raguni tad-dizeredazzjoni tissemma espressament fit-testment (Art. 622 tal-Kap 16) u l-prova tagħha trid issir mill-persuna li tallegaha (Art. 625(1) tal-Kap 16). Ir-raguni li tissemma trid ukoll tkun wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-ligi f'lista li hija tassattiva u ma tippremetix tifsir b'analogija. It-tifsir tar-raguni tad-dizeredazzjoni ghandu jkun wiehed restrittiv favur il-persuna mnehhija mill-wirt u mhux tifsir kontriha (P.A.* ***7.1.1936*** *fil-kawza fl- ismijiet* ***Bartolo vs Bartolo et*** *(Kollez. Vol:* ***XXIX.ii.880****)). Izda fejn ir-raguni ghad-dizeredazzjoni ma tissemmiex jew ma tigix*

*pruvata, l-persuna li tkun tnehhiet mill-wirt ikollha biss jedd għal-legittima (Art. 629 tal-Kap 16). Dan huwa sewwasew dak li qeghda titlob l-attriċi fl-azzjoni tagħha;" (sottolinear ta' din il-Qorti).*

**26.** It-tifsira moghtija mill-Konvenuti ghad-dizeredazzjoni taht is-subincizi (d) u (e) tal-artikolu 623 dikjarata mit-testatur hija dik ta' abbandun tad-decuius minn uliedu billi qatt ma cemplulu u lanqas marru jarawh min mindu ddahhal l-isptar sakemm miet, liema fatt ma giex ikkontestat mill-Atturi.

**27.** Fir-rigward ta' "mohqrija" u "offiza gravi" fil-konfront tat-testatur ai termini tal-artikolu 623(d) u (e), gie sottomess mill-Imhallef Gouder fis-sentenza **Maria Salvina dei Baroni Attard Montalto -vs- Tabib Dr. Angelo dei Baroni Attard Montalto** (**Qorti Civili Prim' Awla Kollez. Vol. XXXIII P II p 357**) li "*il-kondotta hazina tat-tifel jew dixxendent iehor tista tkun tikkonsisti fl-atti ta' krudelta abitwali jew f'atti tali* ***li t-tifel jew dixxendent iehor, jaghmel apposta biex jinki, u b'hekk iwegga l-qalb tal-genituri jew axxendenti ohra, jew f'atti li bihom inaqqas l-istima u r-reputazzjoni ta' l-axxendent; imma f'dawn il-kazijiet mhix il-kattiva kondotta li taghti lok ghad-dizeredazzjoni, imma l-mohqrija kontemplata fl-ittra (d) tac-citat art. 660 (illum art. 623) tal-Kodici Civili fl-ewwel kaz, u fit-tieni kaz l-ingurja kontemplata fl-ittra (e) tal-istess artikolu***" (sottolinear u emfazi ta' din il-Qorti).

**28.** Din il-Qorti ghalhekk, trid tezamina l-motivazzjonijiet tal-Atturi ulied, wara n-nuqqas taghhom li jaghmlu kuntatt ma' missierhom. Hekk tkun tista' tikkonkludi jekk dan l-agir jammontax ghal "mohqrija" u/jew "offiza gravi" fil-

konfront tat-testatur fit-termini tal-artikolu 623(d) u (e).

**29.** Din il-Qorti temmen, bhall-Konvenuti (ara punt 19 tan-nota ta' sottomissjonijiet a` fol 913), li x-xhieda ta' Vincent Schembri hija l-iktar wahda veritiera minn fost l-ahwa ulied id-*decuius*, fir-rigward ta' jekk kienux konsapevoli li missierhom kien marid gravi l-isptar. Il-Qorti tikkonkludi li l-ahwa kienu jafu li missierhom kien qieghed l-isptar (ara xhieda ta' Connie Ciantar a` fol 731).

**30.** In-nuqqas minn naha tad-dixxendenti li jzuru lil missierhom meta kienu jafu li qieghed l-isptar, ma tistax titqies bhala kondotta tajba u jekk mhux ukoll censurabbli. Izda minkejja dan, din il-Qorti ma tarax li din il-kondotta hija tali li tista' tissarraf f'"mohqrija" u /jew "offiza gravi" fit-termini ta' dak li jiddisponi tal-artikolu 623(d) u (e) tal-Kodici Civili.

**31.** Fuq stregwa tal-insenjament tas-sentenza appena citata, din il-Qorti hija moralment konvinta, li n-nuqqas tal-ulied li jzuru lil missierhom ma sarx "apposta biex jink[u], u b'hekk iwegg[ghu] l-qalb" tieghu jew biex inaqsulu "l-stima u r-reputazzjoni" izda, kif jistqarr Vincent Schembri fix-xhieda tieghu stess (a` fol 587, 601 u 602), dan kien frott tar-rimors ghal mod kif kien gab ruhu maghhom missierhom (ara affidavits a` fol 85, 96 u 114).'.

Din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha mressqa mill-partijiet u fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-ligi u tal-principji legali kwotati fir-rigward il-kwistjoni tad-dizereditazzjoni tqis is-segwenti:

1. Illi ghalkemm ix-xhieda kollha jindikaw numru ta'

avvenimenti li graw tul il-kors tal-hajja din il-Qorti hi tal-fehma li l-ebda wahda minnhom ma jikkwalifika bhala 'mohqrija' fl-ghemil tar-rikorrenti. Fl-atti la tressqu rapporti tal-pulizija u lanqas ma tressqu provi dwar proceduri gudizzjarji relatati ma' mohqrija da parti tar-rikorrenti ezercitati fuq il-mejta ommhom/nannithom Maria Dolores sive Doris Vella. Anzi pjuttost fl-unika okkazzjoni fejn tista tghid saret xi 'mohqrija' fuq il-mejta Maria Dolores sive Doris Vella dan ma sarx minn xi hadd minn uliedha pero' minn Paul Azzopardi – zewgt bintha Eileen Azzopardi. Minn dak li xehdet fl-affidavit taghha kopja tieghu esebita fl-atti a fol. 1461 et seq tal-process hija tghid illi '14. Wara xi zmien, jiena ergajt bdejt inkellmu lil Paul biex inbengel l-affarijiet l-iktar minhabba binti Eileen.'. Minn hawn johrog aktar bic-car kemm l-mejta Maria Dolores sive Doris Vella kienet tipprova ccekken l-affarijiet u li effettivament ma kienx hemm mohqrija kif tiddisponi l-ligi;

2. Ghalkemm il-mejta Maria Dolores sive Doris Vella fir-Raba' Artikolu tiddizereda lil uliedha/neputijiet a tenur tal-Artikolu 623 (d) u (e) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u bhala ragunijiet taghmel referenza partikolari ghall-ittri li lilha ntbghatu datati (i) 16 ta' Dicembru, 2009, (ii) 4 ta' Jannar, 2010, (iii) 28 ta' April, 2010 u (iv) ittra ufficjali datata 8 ta' Frar, 2010 effettivament fl-affidavit taghha li sar fil-kawza l-ohra bir-rikors guramentat numru 1075/10MCH fl-ismijiet Carmel sive Charles Vella et -vs- Maria Dolores Vella u li kopja tieghu giet ipprezentata fl-atti a fol. 1461 et seq tal-process hija ma taghmilx wisq enfazi fuqhom u lanqas ma taccenna ghal fatt illi hija b'xi mod kienet qieghda thossha mhedda jew li ntuza kliem dispreggattiv fil-konfront taghha. Kull ma tghid illi f'dawn l-ittri '*…kienet tghidli illi jien ghamilt*

*xi frodi jew qerq. Saru risposti ghal dawn l-ittri u wara xi zmien, inbdiet din il-kawza.'*. Minn harsa lejn meta huwa datat dan l-affidavit jirrizulta li gie guramentat fit-28 ta' Ottubru, 2011, u ghalhekk ftit wara li kienu ntbghatu l-ittri li fuqhom tibbaza r-raguni ghad-dizereditazzjoni tar-rikorrenti. Il-Qorti tqis fl-affidavit taghha Maria Dolores sive Doris Vella m'ghamlitx daqstant enfazi fuq il-fatt li hija hassitha offiza gravement b'dak li ntqal fl-ittri;

3. Illi l-intimati Mariella Ellul et u x-xhieda minnhom prodotti jsemmu diversi okkazzjonijiet fejn ir-rikorrenti kellhom xi jghidu ma' ommhom Maria Dolores sive Doris Vella litigji li ghalkemm huwa deplorabbli minnhom nfushom partikolarment meta gejjin mill-ulied fil-konfront tal-omm fil-fehma tal-Qorti dawn ma jikwalifikawx bhala 'mohqrija' jew 'offizi gravi' kif kontemplati fl-Artikolu 623 (d) u (e) tal-Kodici Civili. Tant hu hekk li l-istess decuius ma semmiethomx bhala raguni ghad-diseredazzjoni tant li semmiet biss l-ittri.

4. Illi l-Qorti tqis il-fatt li ghalkemm kienet saret il-kawza bir-rikors guramentat numru 1075/10MCH fl-ismijiet Carmel sive Charles Vella et -vs- Maria Dolores Vella, jirrizulta li qabel ma mietet Maria Dolores sive Doris Vella, binha r-rikorrenti Charles Vella kien irranga maghha u kien ghamel perijodu jzurha u dan anke kif ikkonfermat mill-intimati nfushom.

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula hawn fuq, il-Qorti tqis li d-disposizzjoni testamentarja relatata mad-dizeredazzjoni ma tissodisfax dak il-grad tal-piz tal-prova neccessarja sabiex tiggustifika d-diseredazzjoni tar-rikorrent

Illi in vista tal-fatt li din il-Qorti ghaddiet biex qieset illi d-dizeredazzjoni tar-rikorrenti ma kinitx wahda sostenibbli fil-ligi, ghalkemm xorta wahda tikkundanna l-mod kif ir-rikorrenti kienu jigbu ruhhom ma' ommhom li tathom il-hajja u rabbiethom zgur b'hafna sagrificcju, hija ser tghaddi ghal-likwidazzjoni tas-sehem riservat dovut lir-rikorrenti.

**<u>Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:</u>**

| | |
|---|---|
| Immobbli - | €590,000 |
| Flus - | €341.66 |
| <u>Deheb, fidda u hagar prezzjuz -</u> | <u>€5,000</u> |
| **<u>Total -</u>** | **<u>€595,341.66</u>** |

Illi dwar l-immobbli l-Qorti tinnota li r-rikorrenti, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, jaghmlu referenza ghal fond ossia garaxx numru 6, 58 fi Triq Bwieraq, Birkirkara bhala fond li ghandhom jircievu fuqu s-sehem riservat filwaqt li hallew barra l-appartament li hemm f'San Pawl il-Bahar, drabi ohra ssir referenza ghalih bhala Bugibba – fond li sa ftit zmien ilu kien ghadu mizmum in komproprjeta' bejn il-partijiet. Illi wara li ghamlet ir-ricerki taghha fl-atti il-Qorti tinnota li l-fond ossia garaxx bin-numru 6, 58 fi Triq Bwieraq, Birkirkara gie mibjugh permezz ta' kuntratt tal-5 ta' Frar, 1990 lil certu Joseph Ellul u ghalhekk ma tistax tifhem kif dan gie nkluz bhala li hemm dovut fuqu s-sehem riservat. Minn naha l-ohra jirrizulta li ma gietx kontestata l-pretensjoni tal-intimati li l-fond gewwa San Pawl il-Bahar gie mibjugh mill-partijiet kollha u kull parti hadet sehemha minnu u huwa ghalhekk li probabbli r-rikorrenti eskludew din il-proprjeta' mill-kalkolu.

Premess dan, stante li r-rikorrenti kienu hamest'ulied ai termini tas-sub-artikolu 3 tal-Artikolu 616 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sehemhom bhala porzjon riservat huwa dak ta' wiehed minn ghaxra (1/10) fir-rigward ir-rikorrenti Carmel sive Charles Vella u Grace Azzopardi u wiehed minn ghoxrin (1/20) kull wiehed mir-rikorrenti Silvano u Sonia ahwa Azzopardi u cioe' s-somma ta' disgha u hamsin elf hames mija erbgha u tletin Ewro u sbatax il-centezmu (€59,534.17) dovuti lir-rikorrenti Carmel sive Charles Vella u Grace Azzopardi kull wiehed, filwaqt li l-ammont ta' disgha u ghoxrin elf sebgha mija sebgha u sittin Ewro u tmien centezmi (€29,767.08) dovuti lir-rikorrenti Silvano u Sonia ahwa Azzopardi kull wiehed minnhom.

**<u>Imghax:</u>**

Illi s-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 615 tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Jipprovdi wkoll li l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabilixxi rata ta' imghax anqas minn dik stabilita' fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-sub-artikolu 2 jaqra kif isegwi:

> '(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu,

tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti bghatu ittra ufficjali lill-intimati, fejn interpellawhom fost affarijiet ohra ghas-sehem riservat fuq l-eredita' ta' ommhom Maria Dolores sive Doris Vella fil-5 ta' Settembru, 2016 u liema ittra giet notifikata lill-intimati ftit granet wara u cioe' fl-10 ta' Settembru, 2016 u fit-13 ta' Settembru, 2016, ghalhekk ferm qabel l-gheluq tat-terminu ta' sentejn stipulat mill-ligi billi Maria Dolores sive Doris Vella giet nieqsa fl-10 ta' Jannar, 2016 (ara certifikat tal-mewt a fol. 6 tal-process). Il-Qorti tinnota wkoll li tul il-kors tal-kawza ma kienx hemm xi wisq delungar da parti jew ta' ohra ghalkemm ittellghu ammont konsiderevoli ta' xhieda, dan anke ghaliex il-kwistjoni kienet tinvolvi mhux biss divizjoni bil-kwistjonijiet taghha, izda wkoll sehem riservat li wkoll kien hemm x'jigi nvestigat fih il-kwistjoni ta' dizeredazzjoni. Ghaldaqstant in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti, wara li rat dan kollu tqis li jkun ekwu u gust mal-partijiet kollha li l-jedd tal-imghax tar-rikorrenti ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ftuh tas-successjoni u cioe' mill-10 ta' Jannar, 2016. Madanakollu dan ghandu jkun bir-rata ta' 5% in vista tal-fatt li kien hemm il-kwistjoni tad-dizeredazzjoni x'tigi nvestigata qabel isir kwalsiasi hlas.

Illi dwar il-pretensjoni tal-intimati li s-sehem riservat dovut lir-rikorrenti ghandu jigi pacut mal-proprjeta' li giet trasferita lilhom mill-genituri stante li jsostnu li dawn kienu donazzjonijiet simulati, l-Qorti tqis li fl-atti ma tressqux bizzejjed provi sabiex jissostanzjaw din il-pretensjoni da parti tal-intimati, anzi pjuttost irrizulta li effettivament, almenu wahda mir-rikorrenti sahansitra kellha kwistjoni tahraq mal-omm ghaliex allegat li l-omm hadet il-hlas tal-fidi tac-cens darbtejn. In vista ta' nuqqas ta' provi dwar dan u stante li l-kuntratti juru li t-trasferiment tal-prorpjeta' kienet wahda

oneruza u ebda sentenza ta' Qorti ma sostniet mod iehor, il-Qorti mhux ser tghaddi sabiex tnaqqas il-valur tal-istess mill-kalkolu tas-sehem riservat dovut.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ghaxar (10) eccezzjoni tal-intimati Mariella Ellul et u tqis li l-bejgh ta' proprjetajiet maghmula minn Maria Dolores sive Doris Vella formanti parti mill-komunjoni tal-akwisti wara l-mewt ta' Joseph Vella saru a tenur tat-Tieni Artikolu tat-testment tal-4 ta' Gunju, 1980 fl-atti tan-Nutar Joseph Sciberras u ghalhekk kwalunkwe rikavat minn tali bejgh m'ghandux jittiehed in konsiderazzjoni meta ssir id-divizjoni tal-assi tal-mejjet Joseph Vella – missier/nannu tar-rikorrenti;

2. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-intimati;

3. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

4. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi fuq il-konsistenza tal-komunjoni tal-akwisti ezistenti bejn Joseph u Maria Dolores sive Doris Vella u tal-assi parafernali taghhom bhala dawk indikati fis-sezzjoni '**Assi tal-mejtin konjugi Vella:**';

5. Tilqa' limitatament it-tieni talba u tiddividi l-assi parafernali u tal-komunjoni tal-akwisti tal-konjugi Joseph u Maria

Dolores Vella f'zewg porzjonijiet u dan hekk kif indikat fis-sezzjoni '**<u>Assi tal-mejtin konjugi Vella:</u>**';

6. Tilqa' limitatament it-tielet talba u tassenja lir-rikorrenti Carmel sive Charles Vella et kwint diviz (1/5) tal-assi tal-mejjet Joseph Vella u decima parti ndiviza (1/10) kull wiehed lir-rikorrenti Silvano u Sonia ahwa Azzopardi mill-wirt ta' missierhom/nannuhom Joseph Vella hekk kif indikat fis-sezzjoni '**<u>Sehem ir-rikorrenti Carmel sive Charles Vella et mill-assi tal-mejjet missierhom/nannuhom Joseph Vella:</u>**' u tichadha fil-kumplament billi m'hemmx proprjeta' x'tigi diviza;

7. Tilqa' limitatament ir-raba' talba u tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti huma ntitolati ghas-sehem riservat dovut lilhom mill-eredita' tal-mejta ommhom Maria Dolores sive Doris Vella u dan hekk kif indikat fis-sezzjoni '**<u>Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:</u>**' u tichadha fil-kumplament u dan fid-dawl ta' dak li nghad fis-sezzjoni '**<u>L-ghaxar eccezzjoni tal-intimati Mariella Ellul et – awtorizzazzjoni permezz tat-testment *unica charta* ta' Joseph Vella:</u>**';

8. Tilqa' il-hames talba u tillikwida s-sehem riservat dovut lir-rikorrenti bhala kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejta Maria Dolores sive Doris Vella hekk kif indikat fis-sezzjoni '**<u>Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:</u>**', oltre l-imghaxijiet legali hekk kif indikat fis-sezzjoni '**<u>Imghax:</u>**';

Tilqa' limitatament is-sitt talba u tikkundanna lill-intimati Mariella Ellul et sabiex ihallsu s-sehem riservat dovut lir-rikorrenti Carmel

sive Charles Vella et bhala l-kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni ta' Maria Dolores sive Doris Vella et oltre l-imghaxijiet hekk kif indikati fis-sezzjoni '**<u>Imghax:</u>**' u tichadha fil-kumplament u dan fid-dawl ta' dak li nghad fis-sezzjoni '**<u>L-ghaxar eccezzjoni tal-intimati dwar l-awtorizzazzjoni permezz tat-testment *unica charta* ta' Joseph Vella:</u>**

Bl-ispejjez in vista ta' t-talbiet michuda u dawk milqugha u wkoll kif gew decizi l-eccezzjonijiet il-Qorti tqis li dawn ghandhom ikunu sopportati nofs bin-nofs (1/2) bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Novembru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Novembru, 2024**